

Rapport Speċjali

L-adattament għat-tibdil fil-klima fi-UE

L-azzjoni mhijiex tlaħħaq mal-ambizzjoni



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

	Paragrafu
Sommarju eżekuttiv	I - VIII
Introduzzjoni	01 - 11
L-adattament għat-tibdil fil-klima u għaliex huwa importanti	01 - 06
Il-qafas għall-adattament għat-tibdil fil-klima	07 - 09
Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-UE u tal-Istati Membri	10 - 11
Ambitu u approċċ tal-awditjar	12 - 15
Osservazzjonijiet	16 - 76
Qafas ta' adattament tal-UE li huwa sod, iżda rappurtar ineffettiv u sensibilizzazzjoni lokali baxxa	16 - 43
Qafas sod tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima	16 - 20
Oqfsa nazzjonali ta' adattament ġeneralment konsistenti mal-istrategġija tal-UE	21 - 30
Rappurtar ineffettiv u insuffiċjenti dwar l-azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima fl-UE	31 - 35
Sensibilizzazzjoni lokali baxxa tal-għodod, l-istrategġiji u l-pjanijiet tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima	36 - 43
Finanzjament tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima – proġetti rilevanti li huma diffiċli biex jiġu trekkjati u li jiffavorixxu soluzzjonijiet għal żmien qasir aktar milli għal żmien twil	44 - 76
Sfidi fit-trekkjar tal-finanzjament tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima	44 - 52
Proġetti ta' "adattament għat-tibdil fil-klima" ffinanzjati mill-UE – preferenza għal soluzzjonijiet għal żmien qasir aktar milli għal żmien twil	53 - 76
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	77 - 83

Anness

Stħarriġ dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

Sommarju eżekuttiv

I Il-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tal-klima u tat-temp bħall-mewġiet ta' sħana, in-nixfa u l-għargħar qed jiżdiedu. Hemm ħtieġa urġenti ta' adattament għal dawn il-kundizzjonijiet klimatiċi. Filwaqt li l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-azzjonijiet ta' adattament għandhom l-għan li jaġġustaw għat-tibdil fil-klima sabiex inaqqsu l-impatti tiegħu. L-azzjonijiet ta' mitigazzjoni waħedhom ma jistgħux jipprevienu l-effetti tat-tibdil fil-klima, anke jekk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jitnaqqsu b'suċċess.

II L-UE ppubblikat l-ewwel strateġija ta' adattament tagħha fl-2013 u oħra fl-2021, li jikkonferma l-vulnerabbiltà għolja tal-UE għat-tibdil fil-klima. Matul l-aħħar deċennju, it-telf ekonomiku medju minn avvenimenti estremi relatati mal-klima fl-UE ammonta għal EUR 26 biljun fis-sena. L-istrateġija tistabbilixxi objettiv għall-UE biex issir reżiljenti għall-klima sal-2050. Dan l-objettiv huwa minqas ukoll fil-[Liġi Ewropea dwar il-Klima](#) tal-2021. Minħabba n-natura trażversali tal-azzjonijiet relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima, mhux faċli tingħata stima tal-finanzjament rilevanti tal-UE. Madankollu, mill-inqas EUR 8 biljun fil-perjodu 2014-2020 u EUR 26 biljun fil-perjodu 2021-2027 ġew ibbaġitjati għall-adattament għat-tibdil fil-klima.

III L-objettiv ta' dan l-awditu kien li nivvalutaw il-qafas u l-finanzjament tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima u kif jindirizzaw l-impatti tat-tibdil fil-klima fl-UE. Eżaminajna jekk l-istrateġiji u l-pjanijiet tal-UE u daww nazzjonali pprovdew qafas sod għall-adattament għat-tibdil fil-klima, u jekk koprew l-arranġamenti ta' rappurtar u s-sensibilizzazzjoni tal-istrateġiji, il-pjanijiet u l-għodod tal-UE fil-livell lokali. Analizzajna wkoll jekk għażla ta' proġetti ta' adattament tal-UE mill-perjodu 2014-2020 ikkontribwietx għall-adattament għat-tibdil fil-klima b'mod effettiv. L-ambitu tal-awditjar tagħna ma kienx jinkludi azzjonijiet tal-UE u appoġġ għall-adattament għat-tibdil fil-klima barra mill-UE.

IV Iddeċidejna li nwettqu dan l-awditu minħabba l-prijorità għolja tas-suġġett u l-materjalità tiegħu. Nistennew li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna jipprovdu kontribut utli għat-titjib tal-qafas ġenerali dwar l-adattament sabiex jiġu indirizzati aħjar l-impatti tat-tibdil fil-klima. Nistennew ukoll li xogħolna jgħin lill-UE tiffoka l-finanzjament tagħha fuq azzjonijiet imfassla apposta għall-kundizzjonijiet klimatiċi attwali u futuri u jippromwovi soluzzjonijiet fit-tul għall-adattament għat-tibdil fil-klima.

V Sibna li l-qafas kumplessiv tal-UE għall-politika ta' adattament kien sod. Madankollu sibna li l-Istati Membri xi drabi użaw *data* xjentifika skaduta għad-dokumenti ta' strateġija nazzjonali tagħhom dwar l-adattament. B'mod ġenerali, l-oqfsa nazzjonali ta' adattament awditjati kienu konsistenti mal-istrateġija ta' adattament tal-UE, għalkemm identifikajna prioritajiet kunfliġġenti fil-livell settorjali u reġjonali. Dawn kienu jikkonċernaw ħtiġijiet opposti għal aktar irrigazzjoni u tnaqqis fil-konsum tal-ilma.

VI Sibna wkoll li r-rappurtar mill-Istati Membri dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima ma kienx suffiċjenti u ftit li xejn żied valur f'termini ta' trekkjar tal-progress u l-appoġġ għal deċiżjonijiet ta' politika futuri. Stħarriġna 400 municiipalità u sibna li fil-biċċa l-kbira ma kinux konxji tal-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima u ma kinux qed jużaw l-għodod ta' adattament tal-UE (Climate-ADAPT, Copernicus u l-Patt tas-Sindki tal-UE).

VII Billi l-adattament huwa trażversali, il-finanzjament rilevanti tal-UE huwa mifruq fuq diversi politiki oħra tal-UE bħall-agrikoltura, il-koeżjoni u r-riċerka. Filwaqt li aktar minn nofs is-36 proġett fil-kampjun tagħna (19) indirizzaw ir-riskji klimatiċi b'mod effettiv, sibna li 13 kellhom ftit jew l-ebda impatt fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' adattament, u li hemm riskju li 2 jaf jirriżultaw f'adattament ħażin. Eżempji ta' adattament ħażin jinkludu l-promozzjoni tal-irrigazzjoni ta' żona akbar minflok il-qlib għal għelejjel b'użu inqas intensiv tal-ilma; il-kostruzzjoni ta' digi minflok ma jiġu rilokati r-residenti ta' żoni kostali f'riskju ta' għargħar jew erożjoni; u l-investment f'kanuni tal-borra artifiċjali minflok ma ssir enfasi fuq it-turiżmu matul is-sena kollha. Minħabba dawn id-dgħufijiet, hemm riskju li l-politika u l-azzjoni ta' adattament tal-UE għandhom mnejn ma jlaħħqux mat-tibdil fil-klima.

VIII Abbażi tas-sejbiet tagħna, nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- (1) ittejjeb ir-rappurtar dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima permezz ta' indikaturi komuni biex tkejjel il-progress u tagħti segwitu għad-dgħufijiet identifikati;
- (2) tiżviluppa u tippromwovi aħjar l-għodod tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima biex jiddied l-użu tagħhom u tiġi promossa l-kondiviżjoni tal-għarfien;
- (3) tiżgura li l-proġetti rilevanti kollha ffinanzjati mill-UE jiġu adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi attwali u futuri, filwaqt li ssaħħaħ il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet fit-tul għall-adattament għat-tibdil fil-klima.

Introduzzjoni

L-adattament għat-tibdil fil-klima u għaliex huwa importanti

01 Il-Ftehim ta' Pariġi għandu l-għan li jillimita t-tiżhin globali għal 1.5 °C meta mqabbel mal-livelli preindustrijali (1850-1900). Madankollu, skont ir-rapport l-aktar reċenti mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), hemm ċans ta' 50 % li s-soll ta' 1.5 °C jintlaħaq sal-perjodu 2030-2035¹. *Data* reċenti għall-Ewropa turi li t-temperatura medja għall-perjodu 2018-2022 kienet madwar 2.2 °C oġġla mil-livelli preindustrijali. L-2023 kienet l-aktar sena sħuna sa issa, u t-temperatura globali żdiedet għal kważi 1.5 °C².


02 L-azzjonijiet ta' mitigazzjoni huma azzjonijiet biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Dawn l-azzjonijiet waħedhom ma jistgħux jipprevienu l-effetti tat-tibdil fil-klima li diġà qed iseħħu, anke jekk l-isforzi globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra huma effettivi. L-UE issa tipproduċi inqas minn 7 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra³. L-isforzi ta' adattament qed isiru dejjem aktar meħtieġa u l-adattament għat-tibdil fil-klima huwa essenzjali bħala komplement għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (il-[Figura 1](#)).

¹ Climate change 2023 – Synthesis report – Summary for Policymakers.

² Copernicus Climate Change Service, Global Climate Highlights 2023.

³ Statista – Distribution of greenhouse gas emissions worldwide in 2022.

Figura 1 – Komplementarjetà bejn il-mitigazzjoni u l-adattament



Sors: il-QEA.

03 Il-*Kaxxa 1* tippreżenta l-adattament għat-tibdil fil-klima u kunċetti relatati oħra. Ir-rapport tal-IPCC tal-2023⁴ enfażizza l-lakuni fl-adattament globali, li se jkomplu jikbru. Wera wkoll li l-flussi finanzjarji globali attwali għall-adattament mhumiex suffiċjenti, u qed iseħħ adattament ħażin.

⁴ Summary of the sixth IPCC assessment report (AR6) – Climate Change, March 2023.

Kaxxa 1



L-adattament għall-klima

Il-proċess ta' aġġustament għall-klima reali jew mistennija u l-effetti tagħha. Mhux rispons ta' emerġenza ta' darba, iżda sensiela ta' miżuri għall-prevenzjoni, il-protezzjoni u t-tħejjija biex jiġu indirizzati l-perikli (eż. nixfa, żieda fil-livell tal-baħar), l-esponiment (eż. inqas ilma), u l-vulnerabbiltà (eż. faqar jew nuqqas ta' edukazzjoni). Politika ta' adattament hija politika ta' antiċipazzjoni tal-impatti tat-tibdil fil-klima, u miżuri biex jindirizzawhom. Din tinkludi wkoll li jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet li jistgħu jinħolqu minħabba t-tibdil fil-klima (eż. għelejjel ġodda, rendimenti oġhla).

Adattament ħażin

Adattament li jżid il-vulnerabbiltà jew l-esponiment għat-tibdil fil-klima minflok ma jnaqqsu.

Reżiljenza għall-klima

Tmur lil hinn mill-adattament għat-tibdil fil-klima, u tkopri l-kapaċità ta' tħejjija, irkupru u adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima.

Sors: l-IPCC, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), [United Nations Framework Convention on Climate Change](#), Glossary.

04 Skont l-EEA⁵, il-mewġiet ta' sħana, in-nixfiet, l-għargħar u x-xita qawwija huma l-aktar avvenimenti ta' temp estrem irrapportati b'mod frekwenti. Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri kostali rappurtaw erożjoni kostali u żieda fil-livelli tal-baħar⁶. L-EEA ssemmi r-riskji ewlenin li ġejjin: is-saħħa, l-ambjent mibni (jiġifieri bliet, toroq, pontijiet), l-enerġija, ir-regġuni tal-baħar u dawk kostali, l-agrikoltura, il-forestrija, il-ġestjoni tal-ilma u l-bijodiversità⁷.

⁵ Is Europe on track towards climate resilience? – Status of reported national adaptation actions in 2023.

⁶ Commission Staff working document (2023) 932 – Assessment of progress on climate adaptation in the individual member states according to the European Climate Law.

⁷ EEA, EU climate risk assessment, 2024.

05 Il-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tal-klima u tat-temp qed jizdiedu⁸. Dan wassal għal żieda fl-għadd ta' diżastri fl-UE matul l-aħħar żewġ deċennji u fil-livell ta' ħsara kkawżata. Eżempji reċenti jvarjaw minn nirien fil-foresti mingħajr preċedent (eż. il-Greċja u Spanja, 2023) għal għargħar (eż. l-Italja u s-Slovenja, 2023; Franza, 2024), mewġiet ta' sħana u nixfiet devastanti (eż. fl-UE kollha, 2022; Spanja, 2024).

06 Telf ekonomiku minn avvenimenti estremi relatati mal-klima fl-UE kellu medja ta' EUR 26 biljun fis-sena matul l-aħħar deċennju⁹. Jekk l-ekonomija tal-UE tal-lum tiġi esposta għal tisħin globali ta' bejn 1.5 u 3 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali – stima konservattiva – dan ikun jirriżulta f'telf ekonomiku annwali ta' bejn EUR 42 u EUR 175 biljun¹⁰.

⁸ Intergovernmental Panel on Climate Change – Weather and Climate extreme events in a changing climate, 2021.


⁹ Eurostat – Climate related economic losses.

¹⁰ JRC PESETA IV project – Task 14 – Economic analysis of selected climate impact, 2020.

Il-qafas għall-adattament għat-tibdil fil-klima

07 Il-**Figura 2** tiġbor fil-qosor l-oqfsa internazzjonali u tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Figura 2 – Oqfsa internazzjonali u tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima – elementi prinċipali




* Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni tar-riskji klimatiċi u l-EEA European climate risk assessment, 2024.

08 L-ewwel Strateġija ta' Adattament tal-UE ġiet ippubblikata fl-2013. L-evalwazzjoni tagħha fl-2018¹¹ ikkonfermat li din l-istrateġija laħqet l-oġġettivi tagħha b'mod ġenerali, iżda kkonkludiet li l-Ewropa baqgħet vulnerabbli ħafna għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima. Fi Frar 2021, l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima ġiet ippubblikata bl-ambizzjoni li "Nibnu Ewropa Reżiljenti sal-2050", kif previst mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

09 Il-Figura 3 turi l-erba' oġġettivi prinċipali tal-istrateġija l-ġdida ta' adattament tal-UE.

Figura 3 – Strateġija ta' adattament tal-UE, 2021




Sors: il-QEA, abbażi tal-istrateġija ta' adattament tal-UE tal-2021.

¹¹ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-UE u tal-Istati Membri

10 Kif jidher fil-**Figura 4**, diversi korpi tal-UE huma involuti fil-politika ġenerali ta' adattament tal-UE. Billi l-adattament huwa tema trażversali, ħafna politiki oħra bħall-politiki reġjonali, agrikoli jew ambjentali jindirizzaw l-adattament, għalkemm il-finanzjament mhux dejjem jiddistingwi bejn l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu. Filwaqt li l-UE tipprovdi qafas ġenerali komuni dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, u l-Istati Membri jiddeċiedu dwar l-approċċi ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni reċentement enfasizzat il-ħtieġa li jiġu ċċarati aktar ir-responsabbiltajiet ta' governanza u s-sjeda tar-riskju biex jiġu mmaniġġjati aħjar ir-riskji klimatiċi li qed jizdiedu¹².

Figura 4 – Rwoli u responsabbiltajiet tas-servizzi prinċipali tal-Kummissjoni



* Copernicus huwa mmaniġġjat miċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju u mill-EEA.

Sors: il-QEA.

¹² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi, 2024.

11 Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tirrikjedi li l-UE u l-Istati Membri jiżguraw progress kontinwu fit-tisħiħ tal-kapaċità ta' adattament, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. L-Istati Membri jeħtiġilhom ikollhom strateġija nazzjonali ta' adattament u pjan ta' adattament nazzjonali u jeħtiġilhom jaġġornawhom regolarment abbażi tad-*data* xjentifika l-aktar reċenti disponibbli. Ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jivvalutaw u jikklassifikaw il-perikli relatati mal-klima u jimmonitorjaw u jevalwaw l-azzjonijiet ta' adattament.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

12 L-awditu ħares lejn il-qafas u l-finanzjament tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima u kif dan indirizza l-impatti tat-tibdil fil-klima fl-UE.

- o Aħna analizzajna jekk l-istrateġiji u l-pjanijiet tal-UE u dawk nazzjonali pprovdewx qafas sod għall-adattament għat-tibdil fil-klima u ġewx irrappurtati kif xieraq¹³, filwaqt li vvalutajna wkoll is-sensibilizzazzjoni dwar l-istrateġiji, il-pjanijiet u l-għodod tal-UE fil-livell lokali.
- o Ipprovajna nidentifikaw il-fondi tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima u vvalutajna jekk il-proġetti rilevanti tal-UE mill-perjodu 2014-2020 ikkontribwewx għall-adattament għat-tibdil fil-klima b'mod effettiv.

13 Dan l-awditu ffoka fuq azzjonijiet ta' adattament fl-UE. L-ambitu tal-awditjar ma kienx jinkludi l-azzjoni u l-appoġġ tal-UE barra mill-Unjoni. L-awditu ma vvalutax proċessi fil-livell nazzjonali bħall-ippjanar spazjali, l-infrastruttura kritika, l-akkwist u l-politiki fiskali.

14 Aħna ddeċidejna li nwettqu dan l-awditu b'rispons għal interess sinifikanti mill-partijiet ikkonċernati tagħna u minħabba l-materjalità u l-importanza tas-suġġett (il-paragrafi **01** u **02**). Ix-xogħol preċedenti tagħna dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima mmira riskji speċifiċi, filwaqt li ssenjala kwistjonijiet relatati ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-UE f'dan il-qasam (il-**Figura 5**). Nistennew li x-xogħol tagħna jgħin lill-Kummissjoni ttejjeb il-qafas ġenerali dwar l-adattament biex tindirizza aħjar l-impatti attwali u futuri tat-tibdil fil-klima. Nistennew ukoll li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna jkunu rilevanti għat-titjib tal-effettività tal-fondi tal-UE użati għal skopijiet ta' adattament u għall-prevenzjoni ta' proġetti ta' adattament ħażin fil-futur.

¹³ L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika.


Figura 5 – Xogħol tal-QEA relatat mal-adattament għat-tibdil fil-klima u kwistjonijiet imqajma

Stima potenzjalment eċċessiva tal-infiq rilevanti għall-azzjoni klimatika (inkluż l-adattament)	Rapport Speċjali 9/2022: L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020: Mhuwiex għoli daqskemm għe rrapportat
Nuqqasijiet fl-adattament tal-foresti tal-UE għat-tibdil fil-klima	Rapport Speċjali 21/2021: Il-finanzjament tal-UE għall-bijodiversità u t-tibdil fil-klima fil-foresti tal-UE: riżultati pożittivi iżda limitati
Appoġġ għall-għelejjel b'użu intensiv tal-ilma u investimenti f'żoni ġodda ta' irrigazzjoni	Rapport Speċjali 20/2021: Użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura – huwa aktar probabbli li l-fondi tal-PAK jippromwovu użu akbar tal-ilma milli użu aktar effiċjenti tal-ilma
Tħassib dwar is-sostenibbiltà għal żmien twil ta' proġetti li jiġġieldu d-deżertifikazzjoni	Rapport Speċjali 33/2018: Il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni fl-UE: theddida dejjem akbar li tirrikjedi azzjoni addizzjonali
Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura użati inqas mill-infrastruttura griża	Rapport Speċjali 25/2018: Direttiva dwar l-Għargħar – Progress fil-valutazzjoni tar-riskji, filwaqt li l-ippjanar u l-implimentazzjoni jeħtieġ li jittejbu

Sors: il-QEA.

15 L-awditu tagħna kopra l-perjodu minn Jannar 2014 sa Diċembru 2023. Wettaqna l-awditu tagħna fi ħdan il-Kummissjoni, u żorna erba' Stati Membri: l-Awstrija, l-Estonja, Franza (ir-reġjuni ta' Nouvelle-Aquitaine u tan-Nofsinhar) u l-Polonja (ir-reġjuni ta' Pomorskie u Małopolskie). Għażilna Stati Membri kbar u żgħar b'taħlita ta' ġestjoni ċentralizzata u reġjonalizzata tal-finanzjament tal-UE, bi gradi differenti ta' esponiment għar-riskju fir-rigward tal-impatti tat-tibdil fil-klima. Il-kampjun tagħna ta' 36 proġett mill-perjodu 2014-2020 kellu l-għan li jiżgura kopertura wiesgħa ta' oqsma esposti għat-tibdil fil-klima u diversi strumenti tal-UE, filwaqt li ħa inkunsiderazzjoni wkoll il-materjalità u l-istatus tal-implimentazzjoni tagħhom. Il-**Figura 6** turi kif għarna l-evidenza għall-awditjar.

Figura 6 – Ġbir tal-evidenza għall-awditjar



* Azzjoni Klimatika, Agrikoltura u Żvilupp Rurali, Politika reġjonali u urbana, Riċerka u Innovazzjoni, Ambjent.

** L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka.

Sors: il-QEA.

Osservazzjonijiet

Qafas ta' adattament tal-UE li huwa sod, iżda rappurtar ineffettiv u sensibilizzazzjoni lokali baxxa

Qafas sod tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima

16 Kif previst fl-Artikolu 5 tal-[Liġi Ewropea dwar il-Klima](#), il-qafas strateġiku u legali tal-UE jenħtieġ li jkun ibbażat fuq analiżi tar-riskju soda, li tirriżulta f'azzjonijiet effettivi u konsistenti biex jiġi indirizzat l-adattament għat-tibdil fil-klima. Irrieżaminajna l-qafas tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u analizzajna l-karatteristiċi prinċipali u l-evoluzzjoni tiegħu.


17 Filwaqt li tirrikonoxxi r-realtà tal-impatti tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni, l-[istrateġija tal-UE tal-2021 dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima](#) tipproponi azzjonijiet biex tiġi rinforzata l-kapaċità ta' adattament, tissaħħaħ ir-reżiljenza u titnaqqas il-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. Il-viżjoni ġenerali hija li "l-UE se tkun soċjetà reżiljenti għall-klima, adattata bis-sħiħ għall-impatti inevitabbli tat-tibdil fil-klima" sal-2050. Eżaminajna tlieta mill-erba' objettivi stabbiliti fl-istrateġija ta' adattament tal-UE (il-paragrafu [13](#) u l-[Figura 3](#)): adattament aktar intelliġenti, adattament aktar sistemiku, u adattament aktar rapidu. Il-paragrafi [18](#) sa [20](#) jippreżentaw l-azzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni f'dan il-qasam.

18 **Adattament aktar intelliġenti** jirreferi għat-titjib tal-għarfien u l-ġestjoni tal-inċertezza. Mill-2021 'il hawn, il-Kummissjoni:

- o nediet u żviluppat diversi għodod bħaċ-[Ċentru tad-Data dwar ir-Riskji](#) għall-kondiviżjoni tad-*data* dwar ir-riskji ta' diżastri, il-vulnerabbiltà għad-diżastri u t-telf mid-diżastri;
- o ħadmet mal-EEA biex taġġorna u tespandi l-pjattaforma [Climate-ADAPT](#), pjattaforma mfassla biex tikkondividi informazzjoni dwar il-politika u l-inizjattivi tal-UE u dawk fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali, dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-vulnerabbiltajiet, l-istudji tal-każijiet u l-għodod li jappoġġaw l-ippjanar tal-adattament.

19 Biex tappoġġa **approċċ sistemiku** għall-iżvilupp tal-politika, il-Kummissjoni inkorporat l-adattament għat-tibdil fil-klima f'diversi politiki inkluża l-**istrateġija l-ġdida tal-UE għall-foresti** It-tibdil fil-klima huwa karatteristika ewlenija tal-**politika agrikola komuni**, iżda l-oġġettiv dwar l-azzjoni klimatika ma jagħmilx distinzjoni bejn il-mitigazzjoni u l-adattament. Barra minn hekk, fl-2023, il-Kummissjoni ħarġet linji gwida aġġornati dwar l-istrateġiji u l-pjanijiet nazzjonali ta' adattament. Bħala eżempju, osservajna progress tajjeb fis-suboġġettiv tal-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament fid-dritt, fil-linji gwida u fil-finanzjament tal-UE (il-**Figura 7**).

Figura 7 – Promozzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament għat-tibdil fil-klima fl-UE



Nota: Skont il-Kummissjoni, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma soluzzjonijiet li huma ispirati u appoġġati min-natura, li huma kosteffettivi, u fl-istess ħin jipprovdu benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi u jgħinu fil-bini tar-reżiljenza.

Sors: il-QEA.

20 Biex tappoġġa **adattament aktar rapidu**, il-Kummissjoni:

- o nediet il-**missjoni tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima** biex tagħti spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni f'dan il-qasam u biex taċċellera l-adattament għat-tibdil fil-klima fil-livell reġjonali u lokali;
- o ippubblikat **gwid teknika dwar l-infrastruttura reżistenti għat-tibdil fil-klima** u dwar l-adattament tal-bini għat-tibdil fil-klima. Għall-perjodu 2021-2027, l-Istati Membri jeħtiġilhom jinkorporaw miżuri ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima fl-iżvilupp tal-proġetti kollha ta' investiment fl-infrastruttura kofinanzjati mill-UE;
- o saħħet il-qafas regolatorju għall-protezzjoni tal-ilma ħelu. Ir-**Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma** u r-riformulazzjoni tad-**Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb** daħlu fis-seħħ fl-2021.

Fil-qosor, inqis li l-Kummissjoni żviluppat għodod u inizjattivi rilevanti biex tikkondividi l-għarfien dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-qafas tal-UE huwa komprensiv u jinkorpora l-adattament għat-tibdil fil-klima f'oqsma ta' politika rilevanti. L-EEA ppubblikat **valutazzjoni Ewropea tar-riskju klimatiku** li tidentifika r-riskji klimatiċi ewlenin u tevalwa kemm huwa urġenti li jiġu indirizzati. Flimkien mal-**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi**, din tikkomplementa l-qafas tal-UE u ttipprovdi analiżi tar-riskju soda.

Oqfsa nazzjonali ta' adattament ġeneralment konsistenti mal-istrateġija tal-UE


21 L-oġettiv ġenerali tal-qafas ta' adattament tal-UE huwa li ssir reżiljenti għall-klima sal-2050. Dan jikkomplementa l-oġettiv tal-UE li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050 stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Dawn il-miri japplikaw fil-livell tal-UE aktar milli għal kull Stat Membru. Liġi nazzjonali dwar il-klima tkun tittraduċi r-rekwiżiti strateġiċi mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-istrateġija ta' adattament tal-UE f'rekwiżit legali fil-livell nazzjonali. Fil-kampjun tagħna ta' Stati Membri, Franza biss kienet adottat liġi nazzjonali dwar il-klima (fl-2021), li taqbeż ir-rekwiżiti tal-UE.

22 Kif previst mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, jenħtiegħ li l-Istati Membri jidentifikaw il-vulnerabbiltajiet tagħhom fir-rigward tat-tibdil fil-klima, jistabbilixxu strateġiji nazzjonali ta' adattament (NAS) u pjan nazzjonali ta' adattament (NAP) u jaġġornawhom regolarment (il-paragrafu **11**). Analizzajna dawn id-dokumenti strateġiċi għall-erba' Stati Membri magħżula, filwaqt li ffukajna fuq l-istatus tagħhom, il-kostijiet stmati għall-adattament jew għan-nuqqas ta' azzjoni, ir-riskji identifikati, u l-konsistenza tal-azzjonijiet ippjanati mal-istrateġija ta' adattament tal-UE. L-ambitu tagħna kien limitat għall-perikli, is-setturi jew iż-żoni identifikati bħala l-aktar esposti għat-tibdil fil-klima f'dawk l-Istati Membri, jiġifieri l-għargħar, l-iskarsezza tal-ilma, il-ġestjoni tal-foresti, l-erożjoni kostali u ż-żoni muntanjużi.

23 L-istrateġija ta' adattament tal-UE tappella għal azzjoni immedjata sabiex l-UE tkun adattata bis-sħiħ għall-impatti inevitabbli tat-tibdil fil-klima sal-2050. Il-**Figura 8** tiġbor fil-qosor l-istatus tal-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament nazzjonali fl-UE, u tipprovdi aġġornamenti dwar il-kampjun tagħna ta' Stati Membri. Osservajna li l-Polonja kienet fil-proċess li taġġorna l-istrateġija tagħha dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima. Ma kienx ċar jekk il-Polonja kinitx se tiegħu inkunsiderazzjoni x-xenarju mistenni għall-Ewropa¹⁴.

¹⁴ Copernicus Climate Change Service, Global Climate Highlights 2023.

Figura 8 – Status tal-istrateġiji/pjanijiet ta' adattament nazzjonali fl-UE u l-istimi l-aktar reċenti tat-tibdil fil-klima għal Stati Membri magħżula



Nota: F'Settembru 2024, il-pjan nazzjonali ta' adattament Franċiż il-ġdid kien għadu ma ġiex ippubblikat.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* tal-EEA. Għall-erba' Stati Membri li żorna, is-snin jindikaw l-aħħar aġġornament tal-NAP/NAS u ż-żieda fit-temperatura tirreferi għall-projezzjonijiet għall-2100 użati f'dawk id-dokumenti.

24 L-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament nazzjonali jistgħu jservu bħala bażi għad-determinazzjoni tal-ħtiġijiet ta' adattament u għall-istima tal-kostijiet tagħhom, iżda dan huwa proċess dinamiku li jirrikjedi valutazzjoni kontinwa. It-**Tabella 1** turi l-istima tal-kostijiet ta' adattament identifikati fl-Istati Membri magħżula. Nenfazzjaw ir-riskju li jiġu stmati b'mod insuffiċjenti l-ħtiġijiet ta' investiment għall-adattament fl-Istati Membri li kkwantifikaw dawn il-ħtiġijiet:

- L-Estonja oriġinarjament ipplanat li timmobilizza EUR 44 miljun bejn l-2017 u l-2030¹⁵. Issa, l-kost stmat tal-implimentazzjoni tal-NAP matul dak il-perjodu hija ta' EUR 598 miljun.
- L-Awstrija użat *data* mill-2014 biex tistma l-ħtiġijiet ta' adattament tagħha fl-NAP tagħha tal-2024.

¹⁵ Il-Pjan għall-Iżvilupp tal-Adattament għat-Tibdil fil-Klima sal-2030 tal-Estonja, it-Tabella 6.1.

Tabella 1 – Kost stmat tal-kostijiet tan-nuqqas ta’ azzjoni/adattament fi Stati Membri magħżula (miljun euro/sena, fi prezzijiet attwali)

Kompitu	L-Awstrija 	L-Estonja 	Franza 	Il-Polonja 
Kost tan-nuqqas ta’ azzjoni (dannu kkawżat jekk ma ġewx implimentati politiki/interventi jew huma limitati)	2 000 (stmat kull sena, sal-2030)	Mhux ikkalkulat		2 760 (27 600 stmati għall-perjodu 2021-2030)
Kost tal-miżuri ta’ adattament ippjanati	488 (stima annwali li saret fl-2014)	59 (296 stmati għall-perjodu 2021-2025)	1 740 (8 700 stmati għall-perjodu 2018-2022)	Mhux ikkalkulat

Sors: L-Awstrija – [PACINAS “Ausgaben des Bundes für Klimawandelanpassung” factsheet](#) u [COIN study](#), Ġunju 2020; L-Estonja – il-pjan ta’ azzjoni KOHAK; id-dokument ta’ rappurtar ta’ Franza; il-Polonja [SPA 2020](#).

25 Aħna sibna li l-Istati Membri kollha magħżula għal dan l-awditu wettqu valutazzjonijiet tar-riskju klimatiku u identifikaw l-aktar setturi vulnerabbli fil-pjanijiet jew fl-istrategġiji tagħhom ta’ adattament għat-tibdil fil-klima (il-paragrafu [22](#)). Huma ppjanaw ukoll azzjonijiet lejn adattament aħjar għat-tibdil fil-klima.

26 Il-**ġestjoni tal-ilma** tinvolve żewġ aspetti prinċipali marbuta mal-adattament għall-klima: l-iskarsezza tal-ilma u l-għargħar. L-istrategġija ta’ adattament tal-UE għall-2021 poġġiet aktar enfasi fuq ir-riskju tal-iskarsezza tal-ilma milli fuq ir-riskju ta’ għargħar. B’mod ġenerali, sibna li l-oqfsa nazzjonali ta’ adattament għall-klima tal-erba’ Stati Membri magħżula kienu konsistenti mal-istrategġija ta’ adattament tal-UE fir-rigward tal-għargħar u tal-iskarsezza tal-ilma. L-oqfsa nazzjonali ta’ adattament għall-Awstrija, Franza u l-Polonja ppromwew tnaqqis fil-konsum tal-ilma fil-livell nazzjonali. Madankollu, l-inċentiv biex jitnaqqas il-konsum tal-ilma kien ħafna inqas ovvj u fil-pjanijiet reġjonali u settorjali (il-[Kaxxa 2](#)).

Kaxxa 2

Żieda fil-ħtiġijiet ta' irrigazzjoni meta mqabbla mat-tnaqqis tal-konsum tal-ilma

Il-pjan ta' adattament nazzjonali Awstrijak jirrakkomanda li jitnaqqas il-konsum tal-ilma fl-industrija u fl-agrikoltura permezz ta' teknoloġija aktar effiċjenti. Madankollu, huwa jbassar ukoll żieda fiż-żoni li għandhom jissaqqew. Il-kalkoli fil-pjan Awstrijak jissuġġerixxu li l-ħtiġijiet tal-irrigazzjoni agrikola se jirdupplaw f'xi reġjuni sal-2050¹⁶.

Il-pjan nazzjonali ta' adattament Franċiż għandu l-għan li jnaqqas il-konsum tal-ilma¹⁷.

Il-pjan agrikolu għall-ilma u l-adattament għat-tibdil fil-klima (Varenne de l'eau) u l-pjanijiet reġjonali għar-reġjuni ta' Nouvelle-Aquitaine u tan-Nofsinhar għandhom l-għan li jiżviluppaw sistemi ta' irrigazzjoni effiċjenti iżda fl-istess ħin iżidu ż-żona irrigata, mingħajr ma jsemmu tnaqqis fil-konsum tal-ilma.

Għalkemm il-pjan għal Nouvelle-Aquitaine jistabbilixxi għan li jitnaqqas il-konsum tal-ilma agrikolu bi 30 %, dan japplika biss għal perjodi baxxi ta' ilma. Barra minn dawn il-perjodi, ma hemm l-ebda incensiv biex jitnaqqas il-konsum tal-ilma. Il-pjan dwar il-klima għall-perjodu 2021-2026 għar-reġjun tan-Nofsinhar għandu l-għan li jżid iż-żona irrigata attwali bi 15 % fi żmien 10 snin.

Sors: il-QEA, abbażi ta' dokumenti nazzjonali/reġjonali fil-kampjun tagħna ta' Stati Membri.

27 Għas-settur tal-**forestrija**, li huwa affettwat ħafna mit-tibdil fil-klima, osservajna li l-istrategġija u l-pjanijiet nazzjonali tal-Istati Membri magħżula kienu allinjati mal-istrategġija tal-UE. Għandhom l-għan li jżidu r-reżiljenza tal-foresti billi jinkorporaw kunsiderazzjonijiet ta' adattament fil-mod kif jiġu mmaniġġjati l-foresti (eż. id-diversifikazzjoni tal-foresti, il-prattiki ta' ġestjoni). Madankollu, sibna li l-pjan ta' adattament Estonjan ma identifika b'mod ċar il-ħtieġa għad-diversifikazzjoni tal-foresti.

¹⁶ Adaptation strategy, Part 2, p. 57.

¹⁷ Varenne agricole de l'eau et de l'adaptation au changement climatique. Il-pjan għall-klima tar-reġjun tan-Nofsinhar: [Gardons une COP d'avance](#). Il-pjan għall-klima tar-reġjun ta' Nouvelle Aquitaine: [NeoTerra](#).

28 L-istrateġiji/il-pjanijiet ta' adattament tal-UE u dawk nazzjonali biex jiġi indirizzat ir-riskju tal-**erożjoni kostali** kienu ġeneralment konsistenti, filwaqt li ppromwew soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura (Franza u l-Polonja) u r-rilokazzjoni strateġika (Franza). L-Estonja rrikonoxxiet ir-riskju tal-erożjoni kostali iżda ma ppjanat l-ebda attività biex tindirizzah fil-livell nazzjonali, għajr li tiegħu inkunsiderazzjoni għall-ippjanar tal-użu tal-art.

29 Ir-**reġjuni muntanjużi u t-turiżmu tal-iskijjar** jeħtieġ li jadattaw għal inqas borra u għat-tidwib inevitabbli tal-glaċieri. L-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament tal-UE, nazzjonali u reġjonali huma kawti fir-rigward tal-ħtieġa u l-mezzi biex iċ-ċentri tal-iskijjar jiġu adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi futuri:

- o Franza identifikat alternattivi bħad-diversifikazzjoni tal-attivitàjiet u l-iżvilupp tat-turiżmu matul is-sena kollha, iżda 9 miżuri biss minn 470 indirizzaw direttament il-kwistjoni tal-adattament tat-turiżmu fil-muntanji għat-tibdil fil-klima¹⁸. Il-liġi Franċiża dwar il-Klima tirrikjedi li kull żona muntanjuża tiżviluppa pjan strateġiku għall-adattament għat-tibdil fil-klima, li jidentifika modi ta' diversifikazzjoni tal-attivitàjiet ekonomiċi u turistiċi.
- o L-istrateġija Awstrijaka tikkonkludi li ż-żieda fil-produzzjoni tal-borra f'altitudnijiet aktar baxxi tkun tirrappreżenta diskrepanza, billi din tkun tinkiseb għad-detriment tal-konsum tal-ilma u tal-enerġija. L-Awstrija tippromwovi wkoll turiżmu ta' erba' staġuni.

30 Is-sistemi ta' twissija bikrija jappoġġaw l-adattament għat-tibdil fil-klima billi jgħinu lis-soċjetajiet iħejju għall-impatti negattivi ta' klima li qed tinbidel u jirrispondu għalihom. L-Ewropa hija mexxejja dinjija, b'sistema ta' twissija bikrija li tkopri madwar 75 % tal-popolazzjoni tagħha¹⁹. Fil-kampjun tagħna, l-Estonja, Franza u l-Polonja kellhom fis-seħħ Sistema ta' Messaġġ Qasir (SMS), filwaqt li l-Awstrija kienet qed taħdem fuq waħda.

¹⁸ Il-Qorti tal-Awditjar Franċiża – ir-rapport: *Les stations de montagne face au changement climatique*, 2024.

¹⁹ Copernicus Climate Change Service, Global Climate Highlights 2023.

Rappurtar ineffettiv u insuffiċjenti dwar l-azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima fl-UE

31 Kif previst fl-Artikolu 19 tar-[Regolament \(UE\) 2018/1999](#) dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, il-qafas strateġiku għall-adattament jenħtieġ li jiġi appoġġat minn sistema ta' rappurtar effettiva. Sistema bħal din tkun tivvaluta l-progress li sar u tkun tgħin lill-Istati Membri u lill-UE jindirizzaw b'mod adegwat ir-riskji klimatiċi u jirfinaw il-pjanijiet u l-istrateġiji tagħhom ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Eżaminajna r-rappurtar dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u kif jintuża biex jiġi evalwat il-progress.

32 L-Artikolu 19 tar-[Regolament \(UE\) 2018/1999](#) jirrikjedi li mill-2021 u "sussegwentement kull sentejn, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar l-ippjanar u l-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima lill-Kummissjoni, filwaqt li jiddeskrivu l-azzjonijiet implimentati u ppjanati tagħhom".

33 Sa Marzu 2023, l-Istati Membri kienu meħtieġa jirrapportaw dwar l-azzjonijiet ta' adattament nazzjonali tagħhom għat-tieni darba²⁰. Dan ir-rappurtar huwa prinċipalment deskrittiv, u fih biss valutazzjonijiet ġenerali u kwalitattivi²¹. L-Istati Membri ma jipprovdux valutazzjonijiet kwantitattivi tal-progress u ma jużawx indikaturi bażiċi komuni. In-nuqqas ta' indikaturi komuni jew bażi ta' referenza jagħmilha diffiċli li jiġi vvalutat il-progress li sar mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' adattament tagħhom u, għalhekk, il-progress fil-livell tal-UE (it-[Tabella 2](#)).

²⁰ L-Artikolu 19 tar-[Regolament \(UE\) 2018/1999](#) u l-Anness I tar-[Regolament ta' Implimentazzjoni 2020/1208](#).

²¹ Ir-[Regolament 1999/2018](#), l-Anness VIII, il-Parti 1.

Tabella 2 – Artikolu 19: rappurtar dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-prijoritajiet ta' adattament għall-kampjun tagħna ta' Stati Membri

Stat Membru	Sommarju tar-rappurtar	Eżempji mis-settur tal-forestrija u l-ġestjoni tal-ilma	Dgħufijiet/punti b'saħħithom li identifikkajna
L-Awstrija 	Rapporti dwar il-progress f'setturi magħżula b'eżempji ta' kisbiet ta' adattament.	Tnaqqis kontinwu fil-proporzjon tal-prinjal, u x-xejra lejn popolamenti mħallta bi proporzjon oġġla ta' inġam iebes. Diversi miżuri meħuda biex tittejjeb l-ekoloġija tal-ilma, bħar-restawr tal-kontinwità tax-xmajjar.	Monitoraġġ nazzjonali tal-adattament żviluppat ħafna (kriterji żviluppati għal kull żona), iżda rappurtar parzjali biss lill-Kummissjoni.
L-Estonja 	Jirreferi l-aktar għal reġjuni u theddid speċifiċi affettwati mill-klima.	Ma jsemmi l-ebda progress.	Koordinazzjoni dgħajfa bejn il-qafas nazzjonali għar-riskji klimatiċi u l-azzjonijiet ta' adattament.
Franza 	Deskrizzjoni tal-pjan nazzjonali ta' adattament (NAP) attwali.		L-istess rappurtar għall-2021 u l-2023 (l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-NAP Franċiż tal-2022 ma tteħditx inkunsiderazzjoni).
Il-Polonja 	Jiddeskrivi eżempji ta' azzjonijiet ipplanati u s-sitwazzjoni attwali tal-istrateġija ta' adattament.	L-ebda progress ma jissewma fis-settur tal-forestrija. Pubblikazzjoni tal-Programm għall-Prevenzjoni ta' Nuqqas tal-Ilma għall-perjodu 2021-2027 biex jitnaqqas ir-riskju ta' għargħar u jittaffew l-effetti tan-nixfa.	L-ebda rappurtar nazzjonali dwar azzjonijiet ta' adattament. Id-data disponibbli dwar miżuri/proġetti individwali ta' adattament ma ġietx ikkumpilati jew ma ntużatx.

Sors: il-QEA, abbażi tar-rappurtar tal-2023 tal-Istati Membri skont l-Artikolu 19.

34 Aħna nirrikonoxxu li r-rappurtar dwar il-politiki ta' adattament skont l-Artikolu 19 huwa żvilupp pożittiv. Madankollu, l-effettività tiegħu bħalissa hija mxejjla min-nuqqas ta' rilevanza, kwalità u komparabbiltà tad-*data* ppreżentata mill-Istati Membri. Sibna li d-*data* ma kinitx suffiċjenti għall-evalwazzjoni tal-progress fl-adattament għat-tibdil fil-klima fl-Istati Membri. Konsegwentement, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jutilfu l-opportunità li jivvalutaw il-progress tagħhom fl-adattament għat-tibdil fil-klima u fl-indirizzar tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet bil-ħsieb li jsiru aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

35 Sibna li l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membru li qed jużaw l-approċċ attwali tillimita l-valur tal-valutazzjoni tal-progress li jkun sar fuq l-azzjonijiet ta' adattament għall-klima. L-EEA twettaq kontrolli tal-kwalità tar-rapporti ppreżentati skont l-Artikolu 19 u tagħti feedback volontarju lill-Istati Membri, iżda ma għandha l-ebda mezz biex titlob informazzjoni aktar rilevanti, kompluta jew aġġornata. F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni ħarġet il-valutazzjoni li wettqet fuq il-progress nazzjonali taħt il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, flimkien ma' rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri.

Sensibilizzazzjoni lokali baxxa tal-għodod, l-istrateġiji u l-pjanijiet tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima

36 L-adattament għat-tibdil fil-klima huwa politika trażversali li jenħtieġ li tiġi indirizzata fil-livell globali, tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali²². Minn naħa waħda, il-liġijiet nazzjonali u l-prijoritajiet politiċi jistgħu jistabbilixxu għanijiet, standards u linji gwida li jiżguraw approċċ ta' adattament konsistenti. Min-naħa l-oħra, il-komunitajiet lokali jinsabu f'pożizzjoni aħjar biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet klimatiċi uniċi tagħhom. L-istrateġija ta' adattament tal-UE tqis li l-livell lokali huwa l-pedament tal-adattament, għalhekk l-appoġġ tal-UE jrid jgħin biex tiżdied ir-reżiljenza lokali.

37 Skont l-istrateġija ta' adattament tal-UE, il-Kummissjoni jenħtieġ li trawwem ir-reżiljenza lokali u żżid l-appoġġ għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' adattament lokali. Il-komunitajiet lokali jenħtieġ li jkunu konxji tal-għodod tal-UE u jużawhom biex jagħmlu progress f'termini tal-ħtiġijiet ta' adattament tagħhom.


²² Adaptation in EU policy sectors – Climate-ADAPT platform.

38 Nedejna sħarriġ ta' 400 municiipalit  fil-kampjun tagħna ta' Stati Membri biex nivvalutaw is-sensibilizzazzjoni lokali dwar l-oqfsa ta' adattament nazzjonali u tal-UE, il-finanzjament u għodod oħra tal-UE (il-**Figura 6**). Skont ir-risultati tal-istħarriġ tagħna (l-**Anness**), il-biċċa l-kbira mill-municiipalitajiet ma kinux konxji tal-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament differenti. Sibna li, mill-municiipalitajiet li ġew mistħarrġa:

- Kważi 70 % ma kinux konxji tal-istrateġija ta' adattament tal-UE;
- 60 % ma kinux konxji tal-pjanijiet ta' adattament nazzjonali;
- 54 % ma kinux konxji tal-pjanijiet ta' adattament reġjonali.

39 16 % biss tal-municiipalitajiet mistħarrġa kienu żviluppaw pjan ta' adattament lokali, għalkemm 21 % oħra kienu qed jaħdmu fuq wieħed. Dan juri xejra pożittiva fil-livell lokali. Ir-risultati tal-istħarriġ tagħna wrew li l-perċentwal ta' bliet bi pjan ta' adattament lokali kien 10 darbiet il-perċentwal korrispondenti ta' municiipalitajiet fiż-żoni rurali (il-**Figura 9**).

Figura 9 – Pjan ta' adattament lokali skont il-grad ta' urbanizzazzjoni tal-municiipalitajiet mistħarrġa



Ibliet: żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni – **Ibliet żgħar u subborgi:** żoni b'densità intermedja – **Żoni Rurali:** żona skarsament popolata

Din il-klassifikazzjoni (DEGURBA) tikklassifika t-territorju ta' pajjiż fuq kontinwità urbana-rurali skont id-daqs tal-popolazzjoni u s-sollijiet tad-densità tal-popolazzjoni.

Sors: il-QEA.

40 It-traspożizzjoni tal-politiki ta' adattament tal-UE u dawk nazzjonali fir-regoli lokali hija proċess ta' sfida. Anke meta l-municiipalitajiet ikunu konxji tal-istrateġiji ġenerali u jimplimentaw proġetti ta' adattament, dawn mhux dejjem ikunu lesti li jaċċettaw ċerti kompromessi għall-adattament bħall-ippjanar rigoruż tal-użu tal-art (il-**Kaxxa 3**).

Kaxxa 3

Objettivi kunfliġġenti bejn il-kostruzzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima

Proġett ta' protezzjoni tal-ilma tal-maltemp li għażilna fl-Awstrija rċieva finanzjament mill-FAEŻR biex jibni ġibjun għall-kontroll tal-għargħar u fossa tad-drenaġġ. Sibna li l-proġett ipprova protezzjoni effettiva kontra l-għargħar lill-komunità lokali.

Madankollu, osservajna wkoll li l-awtoritajiet kienu taw permess tal-ippjanar għal djar ġodda f'żona ta' riskju ta' għargħar.




Sors: il-QEA.

41 Il-**Figura 10** turi tliet għodod tal-UE li għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-azzjonijiet lokali u jikkondividu l-għarfien rigward l-adattament għat-tibdil fil-klima.

- o Maħluqa fl-2013, **Climate-ADAPT** toffri informazzjoni utli biex tappoġġa lill-UE fl-adattament għat-tibdil fil-klima.
- o Mill-2014 'il hawn, is-**Servizz dwar it-Tibdil fil-Klima minn Copernicus** approva l-aħħar *data* xjentifika dwar it-tibdil fil-klima.
- o Il-**Patt tas-Sindki tal-UE**, li nħoloq fl-2009, ilaqqqa' flimkien municiplalitajiet li huma impenjati li jimplimentaw l-oġettivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija (jiġifieri l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' adattament lokali u r-rappurtar dwar il-progress tagħhom).

Figura 10 – Għodod tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima



Sors: il-QEA, abbażi ta' informazzjoni riċevuta mingħand il-Kummissjoni.

42 Inqisu li dawn l-għodod jipprovdu *data* utli, jikkondividu l-għarfien, u joffru appoġġ tekniku dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima fl-UE. L-istħarriġ tagħna wera li sfortunatament ma kinux magħrufa sew jew użati fil-livell lokali. Mill-muniċipalitajiet li wiegħbu għall-istħarriġ, 77 % ma kinux konxji tal-pjattaforma Climate-ADAPT. Bl-istess mod, 74 % tar-rispondenti ma kinux konxji mis-servizzi ta' Copernicus. Fix-xogħol preċedenti tagħna, osservajna li “Copernicus jipprovdi servizzi u *data* siewja, li l-Kummissjoni ppromwoviet b'diversi modi iżda ma għamlitx biżżejjed biex tisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-programmi u tikkapitalizza fuq l-investment sinifikanti li sar biex jinkisbu l-benefiċċji mistennija”²³. Fl-aħħar nett, 10 % biss tal-muniċipalitajiet mistħarrġa kienu parti mill-Patt tas-Sindki tal-UE.

43 L-ostaklu lingwistiku huwa raġuni waħda għal din is-sensibilizzazzjoni baxxa fil-livell lokali. Mill-2022 'il hawn, il-pjattaforma Climate-ADAPT kienet disponibbli biss bl-Ingliż. Fl-2024, Climate-ADAPT hija parzjalment disponibbli bil-Ġermaniż, bil-Franċiż, bl-Ispanjol, bit-Taljan u bil-Pollakk. Barra minn hekk, identifikajna għodod nazzjonali simili għall-għodod tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima (il-**Kaxxa 4**).

Kaxxa 4

Għodod nazzjonali għall-adattament għat-tibdil fil-klima mhux interkonnessi mal-għodda tal-UE

Il-pjattaforma nazzjonali Franċiża u dik Pollakka għall-adattament għat-tibdil fil-klima ([Centre de ressources pour l'adaptation au changement climatique](#) u [Klimada](#), rispettivament) ma jirreferux għall-ekwivalenti tagħhom tal-UE, Climate-ADAPT. Klimada kienet iffanzjata mill-fondi tal-UE.

Il-programm [Klar!](#) tal-Awstrija ilu mill-2016 jagħmel ħiltu biex ir-reġjuni u l-muniċipalitajiet ikunu jistgħu jippreparaw għat-tibdil fil-klima. Mid-79 reġjun u muniċipalità li qed jieħdu sehem fil-programm, 3 biss impenjaw ruħhom għal azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima skont il-Patt tas-Sindki tal-UE. Ma hemm l-ebda sinerġija bejn iż-żewġ programmi.

Sors: il-QEA, abbażi tad-dokumenti u s-siti web tal-awtorità nazzjonali.

²³ Ir-**Rapport Speċjali 07/2021**: “Il-programmi spazjali tal-UE Galileo u Copernicus: is-servizzi ġew varati, iżda l-adozzjoni teħtieġ spinta ulterjuri”.

Finanzjament tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima – proġetti rilevanti li huma diffiċli biex jiġu trekkjati u li jiffavorixxu soluzzjonijiet għal żmien qasir aktar milli għal żmien twil

Sfidi fit-trekkjar tal-finanzjament tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima

44 Skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jallokaw riżorsi finanzjarji adegwati biex jappoġġaw l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom għall-adattament għat-tibdil fil-klima. Dan il-finanzjament jenħtieġ li jiġi mmonitorjat biex jiġi vvalutat il-progress u jiġu evalwati r-riżultati tal-azzjonijiet tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima. Biex nikkwantifikaw l-infiq tal-UE fuq l-adattament għat-tibdil fil-klima, ħarisna lejn il-finanzjament rilevanti allokat mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

45 Il-baġit tal-UE għandu diversi fondi u strumenti li jappoġġaw l-adattament għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fl-agrikoltura, ir-riċerka u l-innovazzjoni, jew il-koeżjoni u l-iżvilupp reġjonali. Madankollu, minħabba n-natura trażversali tal-azzjonijiet relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima, huwa diffiċli li jiġu identifikati l-proġetti rilevanti kollha ffinanzjati mill-UE. Pereżempju, il-proġetti ffinanzjati mill-UE mmarkati bħala li jipproteġu n-natura jistgħu jservu wkoll l-iskop tal-adattament għat-tibdil fil-klima. Xi proġetti setgħu wkoll ġew indikati b'mod skorrett bħala rilevanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ġie osservat fix-xogħol preċedenti tagħna²⁴.

46 It-**Tabella 3** tippreżenta eżempji ta' proġetti ffinanzjati mill-UE li l-Kummissjoni u l-Istati Membri qiesu li huma rilevanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima.

²⁴ Ir-Rapport Speċjali 14/2024: "Tranżizzjoni ekoloġika – Mhijiex ċara l-kontribuzzjoni mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza", il-Figura 10.

Tabella 3 – Eżempji ta' proġetti ta' adattament għat-tibdil fil-klima ffinanzjati taħt il-fondi differenti tal-UE


Żvilupp rurali (FAEŻR) 	Fondi ta' Koeżjoni u reġjonali 	Riċerka u innovazzjoni (Orizzont Ewropa) 	Ambjent u klima (LIFE) 
- effiċjenza fl-użu tal-ilma (irrigazzjoni, investimenti fil-ħżin tal-ilma) - restawr ta' foresta li saritilha ħsara minn maltempati jew pesti	- infrastruttura ekoloġika: soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura biex jitnaqqsu r-riskji ta' għargħar, erożjoni kostali, uqigħ tal-art jew nixfa - infrastruttura griża għall-protezzjoni tal-għargħar/protezzjoni kostali - għadajjar għaż-żamma tal-ilma tax-xita biex tiġi indirizzata l-problema tan-nixfiet u l-iskarsezza tal-ilma - restawr ta' art mistagħdra u torbiera	- immudellar tat-tbassir tat-temp u analiżi tar-riskju għat-tibdil fil-klima - riċerka dwar soluzzjonijiet ġodda għall-adattament għat-tibdil fil-klima	- ittestjar ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura biex jitnaqqsu r-riskji ta' għargħar, erożjoni kostali, nirien, uqigħ tal-art jew nixfa - metodi innovattivi għall-ġlieda kontra theddid differenti bħall-effetti għira ta' sħana fi bliet kbar, id-deżertifikazzjoni, eċċ.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

47 Il-baġit tal-UE jinkludi għadd kbir ta' objettivi li jridu jeżistu flimkien mal-objettiv tal-adattament għat-tibdil fil-klima, bħall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali. Huwa inerentement diffiċli li tintiżen il-kontribuzzjoni ta' proġett għal kull objettiv. Pereżempju, il-finanzjament ta' koeżjoni għandu l-għan li jnaqqas id-disparitajiet bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, iżda l-finanzjament tal-infrastruttura biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività jaf jirriżulta f' deforestazzjoni jew iżid il-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma.

48 Il-**Figura 11** turi eżempji tas-sorsi prinċipali ta' finanzjament tal-UE mmarkati għall-adattament għat-tibdil fil-klima għall-perjodu 2014-2020 u għall-perjodu 2021-2027. Il-kontribut tal-politika agrikola komuni għall-adattament għat-tibdil fil-klima mhuwiex inkluż, minħabba diversi limitazzjonijiet u sfidi (il-**Kaxxa 5**). L-Istati Membri allokaw ukoll madwar EUR 12-il biljun f'fondi tal-UE għall-adattament taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Figura 11 – Evoluzzjoni tal-finanzjament prinċipali tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima (miljun EUR)



Sors: Fondi reġjonali u ta' koeżjoni — [Portal tad-data dwar il-koeżjoni](#); riċerka: bbażata fuq informazzjoni li waslet mingħand il-Kummissjoni. Għall-programm LIFE 2021-2027, il-QEA stmat li 43 % tal-baġit huwa għall-adattament għat-tibdil fil-klima (simili għall-programm preċedenti).

Kaxxa 5

L-adattament għat-tibdil fil-klima fil-politika agrikola komuni – riżultati mħallta

Pagamenti diretti



Ix-xogħol preċedenti tagħna sab li l-impatt tal-pagamenti diretti fuq l-adattament għat-tibdil fil-klima kien imħallat:

	I-introjtu mill-pagamenti diretti żied il-kapaċità tal-azjendi agrikoli li jindirizzaw ix-xokkijiet negattivi mit-tibdil fil-klima;
	id-dipendenza fuq il-pagamenti diretti tista' żżomm azjendi agrikoli mhux vijabbli, u tnaqqas il-pass tal-bidliet strutturali li jistgħu jkunu meħtieġa għall-adattament.

Żvilupp rurali



L-EUR 10 biljun allokati għall-finanzjament tal-iżvilupp rurali għall-adattament għat-tibdil fil-klima (2014-2020) ġejjin minn tliet oqsma prinċipali:

	effiċjenza akbar fl-użu tal-ilma fl-agrikoltura;
	I-appoġġ għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju tal-azjendi agrikoli (permezz tal-assigurazzjoni tal-ħsad). Inqis li l-ġestjoni tar-riskju hija għodda għat-trasferiment tar-riskji klimatiċi aktar milli biex tindirizzahom;
	it-trawwim tal-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, li, abbażi tax-xogħol tal-awditjar preċedenti li wettaqna fuq dawn il-proġetti, mhuwiex marbut mal-adattament għat-tibdil fil-klima.

Monitoraġġ tal-adattament



	Indikatur wieħed tal-impatt/tal-kuntest dwar ir-reżiljenza “Titjib tar-reżiljenza tal-agrikoltura għat-tibdil fil-klima” [I.09/C.45].
	Indikatur ġeneriku wieħed tar-riżultati ²⁵ għall-adattament “Sehem ta’ erja agrikola uttilizzata taħt impenji appoġġati għal adattament aħjar għat-tibdil fil-klima”. Mhuwiex komparabbli fost l-Istati Membri, billi ż-żona inkluża tista’ tkopri raba’ li jinħadem bl-użu ta’ demel tal-bhejjem, bwar permanenti, jew żoni ta’ manutenzjoni tal-vinji, varjetajiet tal-għelejjel reżiljenti/adattati, jew użu effiċjenti tal-ilma. Baġit stmat għall-miżuri li jikkontribwixxu għall-R12: EUR 28.7 biljun (2021-2027)
	L-azzjonijiet klimatiċi ma jiddistingwux bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

Sors: ir-Rapport Analitiku 01/2020 tal-QEA “Insewiment tal-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE”; ir-Rapport Speċjali 09/2022 “L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020: Mhuwiex għoli daqskemm ġie rappurtat”; ir-Rapport Speċjali 10/2022 “Il-LEADER u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jiffaċilitaw l-impenn lokali iżda l-benefiċċji addizzjonali għadhom ma jidhrux suffiċjentement”; ir-Regolament 2115/2021.

²⁵ European Parliament study on the impact of extreme climate events on agricultural production, p. 61.

Missjoni tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, inizjattiva ambizzjuża

49 Taħt [Orizzont Ewropa](#), il-programm ta' riċerka tal-UE għall-perjodu 2021-2027, il-Kummissjoni nediet [Missjoni speċifika dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima](#) (Missjoni tal-UE)²⁶. L-għan ta' din il-missjoni huwa li taċċellera l-adattament billi toffri soluzzjonijiet konkreti, tikkondividi l-għarfien u tippermetti lir-reġjuni jsiru reżiljenti għall-klima sal-2030. It-[Tabella 4](#) tistabbilixxi l-oġġettivi u l-progress li sar sa issa.

Tabella 4 – Missjoni tal-UE dwar l-adattament – oġġettivi u progress sa issa (April 2024)

Objettivi 	Progress 
150 komunità u reġjun reżiljenti għall-klima sal-2030	311-il awtorità reġjonali u lokali ffirmaw il-karta tal-missjoni
75 sit ta' dimostrazzjoni għall-adattament għat-tibdil fil-klima	Il-pjattaforma tal-Missjoni tal-UE tipprovdi assistenza teknika lir-reġjuni u tikkondividi Prattiki tajbin
Allokazzjoni baġitarja għall-perjodu 2021-2027: EUR 874 miljun	39 proġett ta' riċerka bejn l-2021 u l-2023 (kost totali ta' EUR 368 miljun), it-tweġġ ta' valutazzjonijiet tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi, u d-dimostrazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi (eż. bini reżistenti għall-għargħar, għelejjel aktar reżistenti għan-nixfa) jew għodod biex jiġu involuti ċ-ċittadini

Sors: il-QEA, abbażi tal-informazzjoni mill-Kummissjoni.

50 Sfida sinifikanti biex 150 reġjun u komunità jkunu jistgħu jsiru reżiljenti għat-tibdil fil-klima sal-2030 hija l-ingranaġġ tal-finanzjament sabiex il-Missjoni tal-UE tkun tista' tilħaq l-oġġettivi tagħha. Dan ikun jeħtieġ ammont stmat addizzjonali ta' EUR 10 biljun²⁷. Bħalissa mhuwiex ċar kif se jinġabar dan il-finanzjament.

²⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Missjonijiet tal-UE sentejn wara: valutazzjoni tal-progress u t-triq 'il quddiem, [COM\(2023\) 457 final](#).

²⁷ [Climate Change Adaptation Mission Implementation Plan, 2021](#).

51 Barra minn hekk, l-integrazzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima f'għadd kbir ta' programmi, linji ta' finanzjament u azzjonijiet oħra tibqa' kompitu ewlieni għall-Missjoni biex tilħaq l-għan tagħha²⁸. Wieħed mir-rapporti preċedenti tagħna²⁹ sab li s-sinerġiji bejn il-programm ta' riċerka u l-fondi l-oħra tal-UE ma ġewx sfruttati bis-sħiħ u li daww il-fondi ma ntużawx b'mod komplementari. Dan jillimita l-impatt tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni. Madankollu, il-Missjoni għandha l-għan li tindirizza din il-kwistjoni, iżda għadu kmieni wisq biex jidher l-impatt reali.

52 L-istħarriġ tagħna (li ma indirizzax b'mod speċifiku l-firmatarji tal-Missjoni dwar l-adattament) wera li 75 % tal-muniċipalitajiet ikkampjunati ma kinux konxji mill-portal tal-Missjoni tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima, 17 % kienu konxji minnu iżda ma użawhx, u 8 % biss kienu qed jużawh. Minħabba l-inċertezza dwar il-finanzjament disponibbli, nixtiequ nindikaw li jaf ma jkunx possibbli li 150 reġjun u komunità jkunu jistgħu jsiru reżiljenti għat-tibdil fil-klima sal-2030. Sensibilizzazzjoni akbar fil-livell lokali tkun importanti wkoll biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-Missjoni.

Proġetti ta' "adattament għat-tibdil fil-klima" ffinanzjati mill-UE – preferenza għal soluzzjonijiet għal żmien qasir aktar milli għal żmien twil


53 Analizzajna 36 proġett iffinanzjat mill-UE mmarkati bħala proġetti ta' adattament għat-tibdil fil-klima fl-4 Stati Membri awditjati. Ivalutajna jekk dawn il-proġetti kinux konsistenti mal-istrateġiji nazzjonali/settorjali u reġjonali, u jekk indirizzawx b'mod effettiv l-adattament għat-tibdil fil-klima minflok ma pprovdew soluzzjoni għal żmien qasir, li tista' tirriżulta f'adattament ħażin. Din l-analiżi twettqet fir-rigward tal-ħames setturi u oqsma msemmija fil-paragrafu 22. B'mod ġenerali, sibna li 19-il proġett żiedu l-kapaċità ta' adattament fis-setturi kkonċernati, 13-il proġett ma żidux il-kapaċità ta' adattament jew ma kinux konsistenti mal-istrateġija ta' adattament tal-UE, u 2 proġetti żiedu l-vulnerabbiltà, jiġifieri dan wassal għal adattament ħażin. Ma stajniex naslu għal konklużjoni għal żewġ proġetti billi kienu reċenti wisq (il-**Figura 12**).

²⁸ Commission Staff working Document SWD (2023) 260 final. EU Missions two years on.

²⁹ Ir-Rapport Speċjali 23/2022: "Sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej – Il-potenzjal kollu tagħhom għadu ma ntużax".

Figura 12 – Ħarsa ġenerali lejn is-36 proġett ta' adattament tal-UE magħżula

kull kwadru = proġett wieħed



Sors: il-QEA.

Għargħar u żamma tal-ilma – promozzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura



54 L-għargħar huwa wieħed mir-riskji prinċipali li qed tiffaċċja l-UE. Ir-rapport rigward id-Direttiva dwar l-Għargħar, li ppubblikajna fl-2018, irrikonoxxa li l-effett kumplessiv tagħha kien pożittiv. Ir-rapport enfasizza li l-inkorporazzjoni tat-tibdil fil-klima b'mod aktar sħiħ fl-ippjanar tal-użu tal-art biex jittaffa r-riskju ta' għargħar, u l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, baqgħu sfidi ewlenin għall-adattament għat-tibdil fil-klima.

55 L-analiżi li wettaqna tad-disa' proġetti kkampjunati żvelat li:

- o erba' proġetti ppromwovew soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, bħar-rinaturalizzazzjoni tax-xmajjar jew ir-restawr ta' torbiera (il-[Kaxxa 6](#));
- o il-proġetti kollha kienu konsistenti mal-istrateġiji tal-UE u dawk nazzjonali, iżda żewġ proġetti ma żidux il-kapaċità ta' adattament:
 - o proġett wieħed kien effettiv fil-protezzjoni ta' żvilupp tad-djar ġdid kontra l-għargħar, iżda l-iżvilupp ġie awtorizzat għall-kostruzzjoni f'żona ta' għargħar b'riskju għoli (il-[Kaxxa 3](#));
 - o proġett ieħor żviluppa indiċi ekoloġiku fl-2018 biex iżid il-kapaċità taż-żamma tal-ilma tal-bliet, iżda dan l-indiċi qatt ma ntuża;
- o żewġ proġetti użaw biss *data* storika biex jibnu l-infrastruttura tal-għargħar, mingħajr ma qiesu l-kundizzjonijiet futuri tat-temp, u dan ħoloq riskju ta' protezzjoni insuffiċjenti mill-għargħar għaż-żona fuq terminu medju u twil.

Kaxxa 6

Restawr ta' torbiera: soluzzjoni ta' benefiċċju għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għall-mitigazzjoni tiegħu

Fl-Estonja, żona ta' 2 000 ettaru ta' torbiera kienet ġiet skulata, skavata u eżawrita, u mbagħad abbandunata. Fix-xogħol preċedenti tagħna, osservajna li l-PAK tappoġġa lill-bdiewa li jikkultivaw torbieri skulati bħal dawn³⁰. Proġett wieħed attira EUR 3.9 miljun f'appoġġ mhux tal-PAK mill-UE għal kost totali tal-proġett ta' EUR 4.6 miljun biex jirrestawra din iż-żona.

It-torbiera skulata hija sors ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, iżda meta tiġi restawrata, it-torbiera ssir bir tal-karbonju. Hija tassorbi wkoll l-ilma matul perjodi ta' xita qawwija u iżomm l-ilma matul in-nixfiet.

Il-proġett ta' restawr jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-adattament għat-tibdil fil-klima. Minbarra li jżomm l-ilma, jgħin biex itejjeb il-bijodiversità u s-saħħa tal-ħamrija.



Sors: il-QEA.

³⁰ Ir-Rapport Speċjali 16/2021: "Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima: Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli mhumiex qed jonqsu".

L-iskarsezza tal-ilma – l-irrigazzjoni tal-għelejjel intensivi fl-użu tal-ilma kontra l-adattament għat-tibdil fil-klima



56 L-iżvilupp tal-agrikoltura storikament kien marbut mill-qrib mal-irrigazzjoni. Il-kundizzjonijiet klimatiċi l-ġodda – temperatura ogħla u perjodi estiżi ta' nixfa – bla dubju jżidu l-ilma meħtieġ għall-għelejjel, minħabba l-istaġun tat-tkabbir estiż u aktar evapotraspirazzjoni (jiġifieri t-total tat-traspirazzjoni tal-pjanti u l-evaporazzjoni tal-ħamrija). Għall-adattament għal kundizzjonijiet klimatiċi l-ġodda, hemm diversi possibbiltajiet: l-iżvilupp tal-irrigazzjoni biex tikkompensa għall-ħtiġijiet addizzjonali tal-ilma, it-titjib tal-ħamrija biex tinżamm l-indewwa, u l-bidla għal għelejjel aktar adatti għall-kundizzjonijiet klimatiċi l-ġodda (għelejjel b'użu inqas intensiv tal-ilma jew għelejjel tax-xitwa).

57 Il-korpi tal-ilma eżistenti (ix-xmajjar u l-ilma ta' taħt l-art), l-ilma tax-xita jew l-użu mill-ġdid tal-ilma riċiklat huma sorsi alternattivi għall-irrigazzjoni. L-UE tappoġġa prinċipalment l-irrigazzjoni permezz tal-FAEŻR, li jista' jiffinanzja investimenti f'sistemi ta' irrigazzjoni (tagħmir, networks u ġibjuni). Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jirċievu appoġġ għal ċerti setturi taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (frott u ħaxix, żebbuġ u żejt taż-żebbuġa, inbid) biex jiffinanzjaw il-modernizzazzjoni jew l-installazzjoni ta' tagħmir u networks ta' irrigazzjoni.

58 Mill-2014 'il hawn, il-fondi tal-UE setgħu jiffinanzjaw biss titjib tal-installazzjonijiet ta' irrigazzjoni eżistenti, jekk l-iffrankar potenzjali tal-ilma jintwera minn qabel³¹. Iżda l-effiċjenza jaf mhux neċessarjament tirriżulta f'konsum aktar baxx tal-ilma b'mod ġenerali, billi żoni ġodda ta' irrigazzjoni u perjodi estiżi ta' nixfa jkunu jeħtieġu riżorsi addizzjonali tal-ilma. Dawn jistgħu potenzjalment jikkompensaw għall-iffrankar tal-ilma mill-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' irrigazzjoni eżistenti³². Pereżempju, bejn l-2010 u l-2020, ir-reġjun Franċiż tan-Nofsinhar żied iż-żona irrigata tiegħu b'26 % għal 125 700 ettaru, u 20 % tal-erja agrikola utilizzata tiegħu bħalissa hija irrigata.

³¹ Ir-Regolament 1305/2013, l-Artikolu 46, u r-Regolament 2115/2021, l-Artikolu 74.

³² Ir-Rapport Speċjali 20/2021: "L-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura: huwa aktar probabbli li l-fondi tal-PAK jippromwovu użu akbar tal-ilma milli użu aktar effiċjenti", il-paragrafi 77-78.

59 Għall-perjodu 2023-2027, 19-il Stat Membru qed jippjanaw li jappoġġaw l-irrigazzjoni taħt il-FAEŻR, permezz ta' 52 intervent differenti. Minn dawn, 21 se jappoġġaw l-espansjoni tas-sistemi ta' irrigazzjoni u tal-ġibjuni. Identifikajna tliet Stati Membri biss (il-Belġju-Flanders, il-Bulgarija u l-Greċja) li qed jippjanaw li jużaw appoġġ ibbażat fuq l-erja speċifikament għal għelejjel jew varjetajiet aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima u/jew inqas intensivi fl-użu tal-ilma. Pereżempju, il-Greċja qed tippjana li tappoġġa l-użu ta' għelejjel reżistenti għan-nixfa u li taqleb minn għelejjel tas-sajf intensivi fl-użu tal-ilma għal għelejjel tax-xitwa³³.

60 Irrieżaminajna ħames proġetti ta' irrigazzjoni, u sibna li:

- o tliet proġetti żiedu ż-żona irrigata, u dan jirriskja li jżid il-konsum ġenerali tal-ilma. Dan mhuwiex konsistenti mal-għan li jitnaqqas il-konsum tal-ilma, u għalhekk dawn il-proġetti ma kinux konsistenti mal-istrateġiji tal-UE u daww nazzjonali; b'mod partikolari għal oqsma taħt pressjoni ta' ilma;
- o żewġ proġetti ma ħadux kont suffiċjenti tax-xenarji tat-tibdil fil-klima għal żmien medju u żmien twil għall-iskarsezza tax-xita u tal-ilma. L-awtorizzazzjoni tal-estrazzjoni tal-ilma abbażi ta' *data* dwar il-klima tal-passat tista' twassal għal użu mhux xieraq tal-ilma. Bħala eżempju, proġett wieħed tal-FAEŻR iffinanzja analiżi ta' segwitu b'rabta ma' 16-il ġibjun f'Nouvelle-Aquitaine. Il-kostruzzjoni tal-ġibjuni kienet ibbażata fuq studju li qies biss il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi mill-2000 sal-2011. Huwa ma ħax inkunsiderazzjoni t-tibdil fil-klima fir-reġjun, b'mod partikolari t-tnaqqis fid-disponibbiltà tal-ilma. F'Ottubru 2023, l-awtorizzazzjoni biex jinbnew dawn il-ġibjuni ġiet irtirata, billi dawn kienu eċċessivament kbar u poġġew pressjoni akbar fuq il-korpi tal-ilma fiż-żona, minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi attwali u futuri³⁴;
- o l-ebda wieħed mill-proġetti ma kien kundizzjonali fuq Prattiki Agrikoli li jżommu l-indewwa tal-ħamrija sabiex jitnaqqas il-konsum tal-ilma, jew fuq l-użu ta' għelejjel b'użu inqas intensiv tal-ilma.

³³ L-ekoskema fil-Greċja P1-31.1.

³⁴ Sentenzi [2101394](#) u [2102413](#).

61 L-investimenti fl-irrigazzjoni jistgħu jgħinu biex l-azjendi agrikoli jsiru aktar kompetittivi³⁵, jew permezz ta' produzzjoni miżjuda jew garantita, jew permezz ta' għelejjel b'valur miżjud ogħla (iżda għelejjel aktar intensivi fl-użu tal-ilma). Il-**Kaxxa 7** turi kunflitt potenzjali bejn iż-żieda fil-kompetittività (tkabbir ta' għalla profittabbli) u l-adattament għat-tibdil fil-klima (tnaqqis tad-dipendenza fuq l-ilma, li qed isir skars).

Kaxxa 7

L-irrigazzjoni tal-għelejjel b'użu intensiv tal-ilma *versus* l-adattament għat-tibdil fil-klima

Il-kiwis huma għalla li teħtiegħ ħafna ilma, u tirrikjedi sa 2 000 m³ ta' ilma għal kull ettaru. Proġett ġdid ta' irrigazzjoni f'Nouvelle-Aquitaine, fi Franza, irċieva EUR 110 064 f'finanzjament mill-FAEŻR biex jinbena għibjun imfassal għall-irrigazzjoni ta' ħames ettari ta' dwieli tal-kiwi.

Madankollu, il-għibjun jimtela fix-xitwa billi jiġi ppumpjat l-ilma minn xmara li diġà tinsab taħt pressjoni sinifikanti ta' irrigazzjoni.

Filwaqt li nifhmu l-aspett tal-kompetittività ta' dan il-proġett, inqisuh bħala adattament ħażin. Il-proġett jippromwovi metodi ta' produzzjoni li mhumix adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi l-ġodda, aktar milli jaqleb għal għelejjel b'użu inqas intensiv tal-ilma.



Sors: il-QEA, abbażi ta' informazzjoni li waslet għand l-awtoritajiet Franċiżi.

62 Il-prodotti rikonoxxuti bħala li għandhom kwalitajiet speċifiċi marbuta mal-għarfien espert tradizzjonali jew maż-żona ġeografika tal-produzzjoni joħolqu opportunitajiet u sfidi rigward l-adattament għat-tibdil fil-klima. Dawn il-prodotti jistgħu jiġu ttikkettati bħala li għandhom “denominazzjoni ta' oriġini protetta” jew “indikazzjoni ġeografika protetta”. Dawn il-prodotti jistgħu jsaħħu l-kapaċità ta' adattament tar-reġjuni tagħhom billi jippromwovu varjetajiet u razez lokali u aktar reżiljenti, jew itejbu s-saħħa tal-ħamrija. Eżempju differenti huwa l-“**kiwi de l'Adour**”, li għalih l-irrigazzjoni hija obligatorja. Dan ir-rekwiżit ta' irrigazzjoni jonqos milli jirrikonoxxi li l-karatteristiċi ta' post ġeografiku, bħat-temperatura, ix-xita jew it-tip ta' ħamrija, jistgħu jinbidlu minħabba t-tibdil fil-klima. Tali rekwiżiti jistgħu jnaqqsu r-ritmu tal-adattament għat-tibdil fil-klima fiż-żoni korrispondenti.

³⁵ Ir-Regolament 2115/2021, l-Artikolu 6(b).

63 Studju ffinanzjat mill-Kummissjoni³⁶ josserva li hemm enfasi ġenerali fuq investimenti produttivi fil-ħżin tal-ilma (għibjuni) u installazzjonijiet u infrastruttura tal-irrigazzjoni b'reazzjoni għall-iskarsezza u n-nixfa. Setgħu għew ippreżentati ukoll soluzzjonijiet oħra, inkluż l-appoġġ, u bidla għal xejriet tal-ħamrija u tal-għelejjel li huma aktar reżiljenti għall-iskarsezza tal-ilma u għan-nixfa. Minħabba l-perjodi itwal u aktar frekwenti ta' nixfa li qed jheddu l-UE, u l-pressjoni fuq il-korpi tal-ilma, insibu li l-irrigazzjoni ma tipprovdix rispons sostenibbli għall-ħtiġijiet tal-adattament agrikolu. Soluzzjonijiet fit-tul bħat-tibdil tal-għelejjel/varjetà u l-adattament tal-prattiki tal-biedja għal kundizzjonijiet klimatiċi ġodda mhumiex suffiċjentement promossi.

64 Il-ġbir u l-ħżin tal-ilma tax-xita u l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi riċiklat huma sorsi ta' irrigazzjoni li huma aktar sostenibbli mill-estrazzjoni żejda tal-ilma ta' taħt l-art. Identifikajna Prattika tajba fil-Polonja fejn proġetti li jużaw l-ilma ta' taħt l-art għall-irrigazzjoni mhumiex iffinanzjati taħt il-PAK, iżda jistgħu jiġu ffinanzjati biss għibjuni magħluqa għaż-żamma tal-ilma tax-xita.

Ġestjoni tal-foresti – adattament għat-tibdil fil-klima jfisser diversifikazzjoni tal-foresti



65 It-tibdil fil-klima għandu diversi effetti fuq il-foresti fl-UE, u għandu impatt fuq l-ekosistemi u l-bijodiversità. Temperaturi ogħla jinfluwenzaw id-distribuzzjoni tal-ispeċijiet tas-siġar – xi speċijiet jaf jisparixxu, filwaqt li oħrajn jistgħu jsiru aktar dominanti. Il-bidliet fix-xejriet tax-xita jaffettwaw l-indewwa tal-ħamrija, u potenzjalment iwasslu għal nixfiet u riskju akbar ta' nirien fil-foresti. Ix-xita qawwija tnaqqas l-istabbiltà tal-foresti u tista' twassal għal uqigħ tal-art f'reġjuni muntanjużi. Dan l-istress kollu jdgħajjef is-siġar u jagħmilhom inqas reżistenti għall-pesti u għall-mard³⁷.

³⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, [Mapping and Analysis of the CAP strategic plans](#), 2023.

³⁷ "Climate change impacts on plant pathogens, food security and paths forward".

66 L-UE tappoġġa l-forestrija permezz tal-politiki tagħha dwar l-iżvilupp rurali u l-koeżjoni. Il-kampjun tagħna ta' 12-il proġett kien jinkludi 7 li jinvolve rifořestazzjoni jew ġestjoni tal-foresti u 5 dwar it-tnejn għan-nirien fil-foresti. Ikkonkludejna li l-proġetti kollha ta' tnejn għan-nirien, għamlu l-foresti aktar aċċessibbli għall-ħaddiema tat-tifi tan-nar jew żviluppaw sistema ta' detezzjoni bikrija tan-nirien. Sibna li tlieta mis-seba' proġetti ta' rifořestazzjoni, fl-Estonja u f'Nouvelle Aquitaine, mhux biss reġġu ħawlu l-foresti bi speċi waħda, iżda użaw l-ispeċijiet li kienu preżenti qabel il-qerda tal-foresti. Pereżempju:

- o foresta tal-prinjol meqruda mill-maltempati fl-Estonja reġġet tħawlet bil-prinjol bħal qabel; huwa magħruf li l-prinjol għandu reżistenza baxxa għal irjieħ qawwija³⁸;
- o f'Nouvelle-Aquitaine, aktar minn 97 % tas-siġar użati għat-tħawwil mill-ġdid kienu l-arżnu tal-baħar, li huma reżistenti ħafna għall-iskarsezza tal-ilma u għall-ilma żejjed, iżda huma sensittivi għan-nirien fil-foresti u r-riħ (it-tnejn li huma mistennija jżiedu minħabba t-tibdil fil-klima).

Dawn il-proġetti ma żidux il-kapaċità ta' adattament tal-foresti, li jiffaċċjaw l-istess riskji bħal qabel. Għalhekk, dawn ma kinux konsistenti mal-istrateġiji tal-UE u dawk nazzjonali, li jenfasizzaw il-ħtieġa li l-foresti jġu diversifikati.

67 Fl-Awstrija, il-foresti alpina tipprovdi protezzjoni kontra perikli naturali bħal valangi, uqigħ tal-art, blat li jaqa' u għargħar għal għarrieda. L-Awstrija tinvesti fl-identifikazzjoni bikrija tal-pesti fil-foresti u tipprova tiddiversifika l-foresti tagħha billi tintroduċi speċijiet domestiċi u barranin aktar reżiljenti. Dan jinkludi t-tħawwil ta' speċijiet adatti f'elevazzjonijiet jew latitudnijiet ogħla abbażi tal-kundizzjonijiet klimatiċi ottimali tagħhom. Il-**Kaxxa 8** tiddekrivi proġett ta' rifořestazzjoni bħala eżempju ta' prattika tajba.

³⁸ JRC – *Picea abies* in Europe: distribution, habitat, usage and threats.

Kaxxa 8

Riforestazzjoni bi speċijiet imħallta

Foresta monokulturi tal-prinjol fl-Awstrija sofriet infestazzjoni tal-ħanfus tal-qxur tas-siġar fl-2018. Il-FAEŻR ipprova EUR 27 041 għat-tħawwil mill-ġdid tal-foresta bi speċijiet bħal fagu, lerc, u żnuber ta' Douglas.

L-għan tal-proġett kien li jiżdied l-adattament għat-tibdil fil-klima, billi l-foresti bi speċijiet imħallta huma aktar reżistenti għall-pesti u aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima minn foresti bi speċi waħda biss.



Sors: il-QEA – riforestazzjoni mħallta b'koniferi (xellug) u siġar b'weraq wiesa' (lemin).

68 Ir-rapport preċedenti tagħna³⁹ sab li, b'mod ġenerali, il-miżuri ta' żvilupp rurali għall-perjodu 2014-2022 ma kinux jippromwovu biżżejjed id-diversità tal-ispeċijiet għar-riforestazzjoni. Fil-każ tal-afforestazzjoni, ir-rekwiżiti ambjentali minimi imponew l-użu ta' speċijiet ta' siġar li huma reżiljenti għat-tibdil fil-klima jew għat-tħawwil ta' speċijiet imħallta⁴⁰. Madankollu, fil-prattika, dawn ir-regoli ġew interpretati bħala li jippermettu raggruppamenti ta' siġar tal-istess speċijiet, u dan ġab biss titjib limitat fil-bijodiversità u fl-adattament għat-tibdil fil-klima⁴¹. Fil-PAK 2023-2027, ma sibna l-ebda referenza għal rekwiżit li jiġu diversifikati l-foresti. Dan ifisser li l-foresti ta' speċi waħda jistgħu jiġu ffinanzjati mill-PAK iżda mhux se jindirizzaw l-adattament għat-tibdil fil-klima.

69 Fil-Polonja, minħabba l-persjoni sinifikanti fuq ir-riżorsi tal-ilma, huwa essenzjali li jiġu protetti ż-żoni naturali għaż-żamma tal-ilma, jinġabar l-ilma tax-xita u jinbnew ġibjuni sabiex ikun hemm adattament għall-kundizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu. Filwaqt li rrikonoxxiet il-potenzjal kbir tal-foresti għaż-żamma tal-ilma⁴², il-Polonja użat il-finanzjament tal-UE għal dan l-iskop (il-**Kaxxa 9**). Aħna nqisu li dan il-proġett jgħin lill-foresti jadattaw għall-kundizzjonijiet klimatiċi l-ġodda.

³⁹ Ir-Rapport Speċjali 21/2021: "Il-finanzjament tal-UE għall-bijodiversità u t-tibdil fil-klima fil-foresti tal-UE: riżultati pożittivi iżda limitati".

⁴⁰ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni Nru 807/2014, l-Artikolu 6.

⁴¹ Ir-Rapport Speċjali 21/2021, il-paragrafi 56-57.

⁴² EEA technical report No 13/2015, Water-retention potential of Europe's forests – A European overview to support natural water-retention measures.

Kaxxa 9

Għadajjar taż-żamma fil-foresti

Proġett ta' koeżjoni fil-Polonja rċieva EUR 37 miljun f'finanzjament mill-UE biex jinbnew għadajjar taż-żamma fil-foresti tal-muntanji.

Il-proġett kellu l-għan li jnaqqas ir-riskju ta' nixfa billi jipprevieni t-telf tal-ilma u jiġġielel l-erożjoni. Huwa saħħaħ ukoll l-ekosistemi tal-foresti.



Sors: il-QEA – għadira taż-żamma fil-foresti tal-muntanji, il-Polonja.

Erożjoni kostali fiż-żoni rurali – huma meħtieġa soluzzjonijiet fit-tul



70 Fil-kampjun tagħna ta' sitt proġetti li jinvolvu l-protezzjoni kostali, ħamsa użaw soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura (ir-restawr u l-protezzjoni tal-għarmi tar-ramel, il-**Kaxxa 10**), u wieħed kien jikkonċerna l-konsolidazzjoni ta' diġa. Sibna li dawn il-proġetti kollha kienu konsistenti mal-istrateġiji tal-UE u dawk nazzjonali. Fir-rigward tal-kapaċità ta' adattament tagħhom, inqis li l-ħames proġetti li jużaw soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura kellhom impatt pożittiv, filwaqt li r-rinnovazzjoni ta' diġa eżistenti għad-dimensjonijiet inizjali tagħha ma offrietx valur miżjud suffiċjenti għall-adattament għat-tibdil fil-klima.

Kaxxa 10

Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura biex tiġi indirizzata l-erożjoni kostali

Żewġ proġetti tal-FEŻR fi Franza u l-Polonja appoġġaw ir-restawr tal-għarmi tar-ramel (Franza – EUR 3.6 miljun, li minnhom EUR 1.8 miljun f'appoġġ mill-UE; il-Polonja EUR 17.3-il miljun, li minnhom EUR 14.7-il miljun f'appoġġ mill-UE).

Inqisu dawn il-proġetti bħala prattika tajba, billi jippromwovu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura. L-għarmi tar-ramel joffru żamma naturali tar-ramel u jipprovdu protezzjoni effettiva kontra l-erożjoni kostali.



Pampelonne Beach – Franza



Hel Peninsula – il-Polonja

Sors: il-QEA.

71 Soluzzjoni waħda għall-ġestjoni tar-riskju ta' erożjoni kostali hija l-mili tal-bajjiet (iż-żieda tar-ramel). Din it-teknika żżid id-daqs tal-bajjiet u tgħin biex jinżamm it-turiżmu għall-għawm. Madankollu, il-mili tal-bajjiet huwa għali, ripetittiv, u jirrikjedi ħafna ħaddiema. Sibna proġett wieħed fi Franza li kellu l-għan li jirrestawra għaram tar-ramel u jirriloka bini mheddied minn żieda fil-livelli tal-baħar. Il-mili mill-ġdid tal-bajjiet ammonta għal 75 % tan-nefqa, jew EUR 1.8 miljun fuq erba' snin, iżda pprova biss soluzzjoni għal żmien qasir. Mingħajr pjan għal żmien twil biex tiġi indirizzata ż-żieda fil-livelli tal-baħar, u r-rinaturazzjoni definittiva tal-għaram, aħna nqisu li l-appoġġ tal-UE għall-mili tal-bajjiet ma jipprovdi soluzzjoni sostenibbli u għal żmien twil għall-erożjoni kostali.

72 Ir-rilokazzjoni tal-bini hija sfida ewlenija fil-ġestjoni tal-erożjoni kostali. Fil-Polonja, l-ebda kostruzzjoni mhija permessa legalment fuq għarmi tar-ramel, li jkopru 70 % tal-kosta Pollakka. Il-liġi Franċiża dwar il-Klima ssaħħa id-dispożizzjonijiet legali biex tiffaċilita r-rilokazzjoni tal-assi fil-periklu. Madankollu, il-prezzijiet tal-proprjetà qrib il-baħar għadhom ogħla. Fi Franza, sa 50 000 binja huma mhedda mill-erożjoni kostali⁴³. Dan iqajjem il-kwistjoni ta' min se jħallas biex jiġi rilokat bini privat mhedded mill-erożjoni kostali.

Żoni muntanjużi – tnaqqis fil-borra joħloq sfidi għat-turiżmu tal-iskijjar



73 Analizzajna erba' proġetti relatati ma' żoni muntanjużi, u sibna li:

- o l-erbgħa li huma kienu konsistenti mal-istrateġiji tal-UE u dawk nazzjonali;
- o proġett wieħed biex jissostitwixxi blaster tal-valangi ma żiedx il-kapaċità ta' adattament.

74 Studji reċenti jikkonfermaw li bit-tiżhin globali ta' żewġ gradi ogħla mil-livelli preindustrijali⁴⁴, ikun hemm riskju għoli ħafna ta' borra insuffiċjenti f'madwar nofs iċ-ċentri tal-iskijjar Ewropej. L-uniċi eċċezzjonijiet ikunu ċentri f'għoli ta' aktar minn 2 000 m. It-tiżhin globali ta' erba' gradi ogħla mil-livelli preindustrijali jwassal għal riskju għoli ħafna li ma jkunx hemm borra suffiċjenti fi kważi kull ċentru tal-iskijjar. L-industrija tat-turiżmu qed tindirizza s-sitwazzjoni b'miżuri tekniċi bħall-produzzjoni tal-borra artifiċjali. Fl-Awstrija, pereżempju, madwar 70 % tal-pisti tal-iskijjar huma mgħammra b'sistemi ta' produzzjoni tal-borra. Madankollu, dawn is-sistemi jżidu l-konsum tal-ilma u tal-enerġija, u konsegwentement l-impronta tal-karbonju.

75 Xi proġetti tal-UE rċewew finanzjament għal kanuni tal-borra aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija taħt programmi operazzjonali li jippromwovu l-kompetittività. Il-Qorti tal-Awditjar Franċiża reċentement irrappurtat li l-borra artifiċjali tista' potenzjalment twassal għal adattament ħażin, billi żżid il-pressure fuq l-użu tal-ilma u toffri biss soluzzjoni għal żmien qasir biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima⁴⁵.

⁴³ Informazzjoni pprovduta mill-Gvern Franċiż, 2022.

⁴⁴ Climate change exacerbates snow-water-energy challenges for European ski tourism – 2023.

⁴⁵ Il-Qorti tal-Awditjar Franċiża – ir-rapport: “*Les stations de montagne face au changement climatique*”, 2024.

76 L-awtoritajiet reġjonali li intervistajna jistennew li d-diversifikazzjoni sseħħ meta l-kundizzjonijiet tal-borra jsiru insuffiċjenti u l-kostijiet operatorji jkunu għoljin wisq għaċ-ċentri tal-iskijjar. Madankollu, għandhom l-għan li joħolqu inċentivi għall-investiment fit-turiżmu lokali, "mingħajr għaġla", fiċ-ċikliżmu, fil-mixi fit-tul, u fit-tixbit. Dawn l-attivitajiet jitqiesu bħala sostenibbli u jxerrdu t-turiżmu b'mod aktar ugwali matul is-sena, u jipprovdu soluzzjoni għal żmien twil għaż-żona.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

77 Nikkonkludu li l-qafas ta' adattament fil-livell tal-UE kien sod, iżda kien hemm dgħufijiet u lakuni meta tqiegħed fil-prattika. Ir-rappurtar huwa nieqes minn indikaturi komuni għall-kejl tal-progress lejn ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima sal-2050, u għalhekk ftit li xejn iżid valur f'termini ta' trekkjar tal-progress u appoġġ għal deċiżjonijiet ta' politika futuri. Hemm sfidi fit-trekkjar tal-finanzjament relatat mal-adattament għat-tibdil fil-klima, li jagħmilha diffiċli li jiġi vvalutat l-impatt tiegħu. Fil-kampjun tagħna ta' 36 proġett, 19 indirizzaw ir-riskji klimatiċi b'mod effettiv, 13 kellhom ftit jew l-ebda impatt fuq il-kapaċità ta' adattament, u 2 jistgħu jirriżultaw f'adattament żgħir. Minħabba dawn id-dgħufijiet, hemm riskju li l-politika u l-azzjoni ta' adattament tal-UE għandhom mnejn ma jlaħħqux mat-tibdil fil-klima. Dan ikun jaffettwa b'mod negattiv il-kapaċità tal-UE li tikseb reżiljenza għall-klima sal-2050.

78 Sibna li l-qafas kumplessiv tal-UE għall-politika ta' adattament kien sod (il-paragrafi **16-20**), iżda xi drabi l-Istati Membri użaw *data* xjentifika li kienet skaduta. L-Istati Membri kollha fil-kampjun tagħna jew kienu stmaw b'mod insuffiċjenti l-kost tal-miżuri ta' adattament fl-istrateġiji jew fil-pjanijiet tagħhom, jew inkella ħallew dawn il-kostijiet għalkollox barra (il-paragrafi **21-24**).

79 Barra minn hekk, l-oqfsa nazzjonali dwar l-adattament kienu appoġġati minn valutazzjoni tar-riskju u kienu konsistenti mal-istrateġija ta' adattament tal-UE. Madankollu, sibna li l-prijoritajiet tal-pjanijiet reġjonali/settorjali xi drabi kienu f'kunflitt ma' dawk tal-istrateġiji jew il-pjanijiet tal-UE/nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-agrikoltura u l-forestrija. Pereżempju, l-oġettiv li tiżdied iż-żona irrigata jista' jkun f'kunflitt mal-oġettiv li jitnaqqas il-konsum tal-ilma (il-paragrafi **25-30**).

80 Sibna wkoll li r-rappurtar dwar l-adattament kien fil-biċċa l-kbira deskrittiv u ma pprovdix *data* kwantifikabbli. Għalhekk ir-rappurtar ma kienx suffiċjenti għal evalwazzjoni tal-progress dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima fl-Istati Membri (il-paragrafi **31-35**).

Rakkomandazzjoni 1 – Isir titjib fir-rappurtar dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) issaħħaħ ir-rekwiżit għar-rappurtar dwar l-adattament biex ikun jinkludi indikaturi u kriterji komuni għall-kejl tal-progress;
- (b) taħdem mal-Istati Membri biex tindirizza d-dgħufijiet identifikati fir-rappurtar tagħhom dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Marzu 2027

81 Il-maġġoranza tar-rispondenti mill-400 municiipalit  mistħarrġa fl-4 Stati Membri li awditajna ma kinux konxji tal-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Kienu biss 16 % tal-municiipalitajiet mistħarrġa li kienu stabbilew pjan ta' adattament lokali, u dan illimita l-kapaċit  li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima (il-paragrafi 36-40). L-UE tipprovdi għodod, *data* u għarfien utli dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima. Madankollu, l-istħarriġ tagħna wera li l-maġġoranza l-kbira tal-komunitajiet lokali ma kinux familjari mal-għodod tal-UE u ma użawhomx (il-paragrafi 41-43).

Rakkomandazzjoni 2 – Isir użu aħjar mill-għodod tal-UE

Bl-għan li jintlaħqu aħjar il-komunitajiet lokali, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tipproponi għodod prattiċi u sempliċi mmirati lejn il-komunitajiet lokali (eż. valutazzjoni tar-riskju lokali, għażliet ta' finanzjament, l-aħjar prattiki għall-adattament) u tagħmilhom disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE fuq il-pjattaforma CLIMATE-ADAPT;
- (b) taħdem mal-Istati Membri biex tinkorpora u tippromwovi aħjar l-għodod u l-inizjattivi tal-UE (il-pjattaforma CLIMATE-ADAPT, il-Patt tas-Sindki tal-UE) dwar pjattaformi nazzjonali u reġjonali għall-adattament għat-tibdil fil-klima.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2026

82 Billi l-adattament huwa trażversali, il-finanzjament rilevanti tal-UE huwa mifruq fuq diversi politiki oħra tal-UE bħall-agrikoltura, il-koeżjoni u r-riċerka. B’riżultat ta’ dan, huwa ġeneralment diffiċli li jiġi identifikat liema proġetti huma rilevanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima. Dan għaliex l-oġettivi tal-adattament għat-tibdil fil-klima jridu jeżistu flimkien ma’ oġettivi oħra bħall-kompetittività jew l-iżvilupp reġjonali, li potenzjalment iwasslu għal adattament ħażin. Taħt il-baġit tar-riċerka, il-Kummissjoni ddedikat missjoni speċifika u ambizzjuża tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima. Aħna osservajna li kien sar progress tajjeb f’dan ir-rigward, iżda t-twettiq tal-għanijiet tal-Missjoni kien mhedded min-nuqqas ta’ ċarezza dwar l-iżgurar tal-fondi addizzjonali meħtieġa (il-paragrafi [44-52](#)).

83 Ikkonkludejna li l-maġġoranza (53 %) tas-36 proġett magħżula tagħna indirizzaw ir-riskji klimatiċi b’mod effettiv, iżda 42 % kellhom ftit jew l-ebda impatt fuq il-kapaċità ta’ adattament. Għall-bqija tal-proġetti kien kmieni wisq biex tinsilet konklużjoni (ara l-paragrafu [53](#)). Identifikajna proġetti li jikkonċernaw l-għargħar, l-erożjoni kostali u l-irrigazzjoni li użaw biss *data* storika aktar milli xenarji klimatiċi futuri. Osservajna wkoll li, taħt il-PAK, l-irrigazzjoni kienet is-soluzzjoni ppreferuta għall-adattament tal-prattiki agrikoli, li potenzjalment twassal għal adattament ħażin (ara l-paragrafi [54-64](#)). Osservajna Prattiki tajbin ta’ ġestjoni tal-foresti f’termini ta’ żieda fir-reżiljenza għall-klima permezz ta’ għadajjar taż-żamma u diversifikazzjoni tal-foresti. Madankollu, it-tħawwil ta’ speċi waħda kien għadu appoġġat (ara l-paragrafi [65-69](#)). Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura kellhom impatt pożittiv fuq l-erożjoni kostali. Ikkonkludejna li soluzzjonijiet għaljin iżda għal żmien qasir bħall-mili tal-bajjiet ma żidux ħafna valur mingħajr kunsiderazzjonijiet għal żmien twil bħar-rilokazzjoni (ara l-paragrafi [70-72](#)). Dan kien japplika wkoll għal żoni muntanjużi, fejn il-kanuni tal-borra jżidu l-pressjoni fuq l-użu tal-ilma u joffru biss soluzzjoni għal żmien qasir biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima (il-paragrafi [73-76](#)).

Rakkomandazzjoni 3 — Jibqa' validu fil-futur il-finanzjament tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima

Jenħtiegħ li l-Kummissjoni:

- (a) tipprovdi gwida dwar azzjonijiet rilevanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima u tipprovdi lill-Istati Membri b'eżempji ta' proġetti li jwasslu għal adattament ħażin;
- (b) issaħħaħ il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet għal żmien twil għall-adattament għall-klima għall-proġetti kollha rilevanti ffinanzjati mill-UE u tivvaluta l-ħtieġa għal kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li jieħdu kont ta' kundizzjonijiet klimatiċi futuri;
- (c) tipproponi linji gwida dwar ir-reżistenza klimatika għall-investimenti agrikoli u tivvaluta l-ħtieġa għal kundizzjonijiet ġodda ta' eliġibbiltà għall-miżuri tal-forestrija biex jiġi evitat il-finanzjament ta' foresti ta' speċi waħda.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2026

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla 1, immexxija mis-Sa Joelle Elvinger, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-3 ta' Lulju 2024.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Tony Murphy
Il-President

Anness

Stħarriġ dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima

L-oġġettiv prinċipali tal-istħarriġ tagħna kien li tinġabar informazzjoni rappreżentattiva u aġġornata dwar l-esponiment tal-muniċipalitajiet għal avvenimenti estremi relatati mat-tibdil fil-klima, x'jeħtieġu sabiex jadattaw għall-impatti ta' dawn l-avvenimenti, l-istrateġiji li diġà jużaw, u l-għarfien tagħhom dwar l-istrateġiji, il-pjanijiet u l-għodod reġjonali, nazzjonali u tal-UE biex jiffaċilitaw l-adattament.

Kif wettaqna l-istħarriġ


Wettaqna l-istħarriġ bejn Settembru u Diċembru 2023. Il-kwestjonarju ntbagħat lil 400 muniċipalità li jinsabu fl-erba' Stati Membri differenti li awditjajna: l-Awstrija (113), l-Estonja (56), Franza (117) u l-Polonja (114). Id-daqs tal-kampjun kien kbir biżżejjed biex ikun rappreżentattiv fil-livell nazzjonali bil-kundizzjoni li mill-inqas 75 % tal-muniċipalitajiet f'kull Stat Membru jwieġbu għall-istħarriġ. Il-muniċipalitajiet intgħażlu b'mod aleatorju.

Il-kampjun ġie organizzat f'ħames raggruppamenti ta' muniċipalitajiet abbażi tad-daqs tal-popolazzjoni: 1) kbar – aktar minn 200 000 abitant; 2) medji – bejn 40 000 u 200 000 abitant; 3) żgħir – bejn 5 000 u 40 000 abitant; 4) żgħir ħafna – bejn 200 u 5 000 abitant; 5) minuskoli – inqas minn 200 abitant. Il-bliet kapitali tal-erba' Stati Membri kollha awditjati ġew inklużi fil-kampjun.

Rata ta' rispons

Irċevejna total ta' 318-il tweġiba, jiġifieri rata ta' rispons ta' 79.5 % (l-Awstrija: 80 %; l-Estonja: 75 %; Franza: 82 %; il-Polonja: 80 %). Ir-risultati ta' dan l-istħarriġ huma statistikament rappreżentattivi. Il-**Figura 13** turi l-muniċipalitajiet li wieġbu għall-istħarriġ.


Figura 13 – Mappa li turi l-muniċipalitajiet li wiegħbu għall-istħarriġ




Sors: il-QEA.

Mistoqsijiet u riżultati prinċipali tal-istħarriġ


- (1) Il-muniċipalità tiegħek hija esposta għal avvenimenti/riskji relatati mal-klima?
 Il-muniċipalità tiegħek ġiet esposta għal avvenimenti estremi relatati mal-klima f'dawn l-aħħar 5 snin? Jekk iva, il-muniċipalità tiegħek irċeviet appoġġ finanzjarju pubbliku?




(2) Ħadt xi azzjoni minn meta seħħew dawn l-avvenimenti estremi?




(3) Il-muniċipalità tiegħek hija parti mill-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki tal-UE?




(4) Kif tindirizza kwistjonijiet lokali relatati mal-ħtiġijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima?




(5) X'ostakli tiffaċċja l-municipalit  tieġ hek biex tissodisfa l- tiġi jiet ta' adattament g hat-tibdil fil-klima?




(6) Il-municipalit  tieġ hek g ħandha pjan ta' adattament lokali?




(7) (a) Il-municipalit  tieġ hek taf bil-pjan ta' adattament tar-re jun tieġ hek, u dan il-pjan jissodisfa l- tiġi jiet ta' adattament tal-municipalit  tieġ hek?




(b) Il-municipalit  tieġ hek taf bil-pjan ta' adattament ta' pajjiżek?




(c) Il-municipalit  tieġ hek taf bl-istrateg ja tal-UE g hall-adattament, u inti tara l-valur miżjud tag ħa?




(8) (a) Il-municipalit  tieġ hek taf bil-pjattaforma Climate-ADAPT, u l-municipalit  tieġ hek tużaha?




(b) Il-muniċipalità tiegħek taf b’Copernicus, u l-muniċipalità tiegħek tużah?




(c) Il-muniċipalità tiegħek taf bil-portal tal-Missjoni tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, u l-muniċipalità tiegħek tużah?




(9) “L-appoġġ finanzjarju pubbliku għall-miżuri/proġetti ta’ adattament huwa sodisfaċenti u jissodisfa l-ħtiġijiet tagħna.” Taqbel?




(10) “L-informazzjoni disponibbli dwar il-finanzjament tal-UE għal proġetti ta’ adattament għat-tibdil fil-klima hija suffiċjenti.” Taqbel?



(11) a) Il-muniċipalità tiegħek irċeviet fondi tal-UE għal miżura/proġett ta’ adattament f’dawn l-aħħar 5 snin?



b) Jekk iva, minn liema sors?



Abbrevjazzjonijiet

EEA: Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

FAEŻR: Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

FEŻR: Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

IPCC: Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima

JRC: Ċentru Konġunt tar-Riċerka

LEADER: *Liaison entre actions de développement de l'économie rurale* – Rabtiet bejn azzjonijiet għall-iżvilupp tal-ekonomija rurali

NAP: Pjan ta' adattament nazzjonali

NAS: Strateġija nazzjonali ta' adattament

PAK: Politika agrikola komuni

RRF: Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Glossarju

Adattament għat-tibdil fil-klima: aġġustament fis-sistemi naturali jew umani b'reazzjoni għall-istimuli klimatiċi reali jew mistennija jew l-effetti tagħhom, li jimmoderaw il-ħsara jew jisfruttaw opportunitajiet ta' benefiċċju (ir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC (AR4), 2007).

Copernicus: is-sistema tal-UE ta' osservazzjoni u monitoraġġ tad-Dinja, li tiġbor u tipproċessa *data* minn satelliti u minn sensuri bbażati fid-Dinja biex tipprovdi informazzjoni ambjentali u dwar is-sigurtà.

IPCC (Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima): huwa l-korp tan-Nazzjonijiet Uniti, li jħejji rapporti ta' valutazzjoni komprensivi dwar l-istat tal-għarfien xjentifiku, tekniku u soċjoekonomiku dwar it-tibdil fil-klima.

Kapaċità ta' adattament: il-potenzjal jew il-kapaċità ta' sistema, reġjun jew komunità li jadattaw għall-effetti jew għall-impatti tat-tibdil fil-klima.

LIFE: strument ta' finanzjament li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali u klimatika tal-UE permezz tal-kofinanzjament ta' proġetti fl-Istati Membri.

Orizzont 2020: il-programm ta' finanzjament mill-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-perjodu 2014-2020.

Orizzont Ewropa: il-programm ta' finanzjament mill-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-perjodu 2021-2027.

Pjattaforma Climate-ADAPT: pjattaforma għall-għbir u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima fl-Ewropa.

Reżiljenza għall-klima: kapaċità ta' tnejn, rkupru minn, u adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima.

Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura: soluzzjonijiet li huma ispirati u appoġġati min-natura, li huma kosteffettivi, u fl-istess ħin jipprovdu benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi u jgħinu fil-bini tar-reżiljenza (KE).

Tibdil fil-klima: kwalunkwe bidla fil-klima maż-żmien, kemm jekk minħabba varjabbiltà naturali jew b'riżultat tal-attività tal-bniedem (IPCC AR4, 2007).

Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2024-15>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2024-15>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar – Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Joëlle Elvinger, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Klaus-Heiner Lehne, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Thomas Arntz, Kap tal-Kabinett u Marc-Oliver Heidkamp, Attaché tal-Kabinett; Ramona Bortnowschi, Maniġer Prinċipali; Céline Ollier, Kap tal-Kompitu; Angelika Zych, Deputat Kap tal-Kompitu, Irina Flat, Liia Laanes u Jarosław Śmigieli, Awdituri; Wesley Reverdy, Trainee; Alexandra Damir-Bînzaru u Marika Meisenzahl ipprovdew appoġġ grafiku.



Mix-xellug għal-lemin: Irina Flat, Liia Laanes, Ramona Bortnowschi, Céline Ollier, Thomas Arntz, Klaus-Heiner Lehne, Marc-Oliver Heidkamp, Wesley Reverdy, Jarosław Śmigieli, Angelika Zych.

DRITTIJJET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2024

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Bħala regola ġenerali, għalhekk, dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li l-awturi jingħataw kreditu xieraq u li l-bidliet jiġu indikati. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Figura 10 – Logos: © [Copernicus Climate Change Service](#), © Climate ADAPT, © Covenant of Mayors for Climate & Energy Europe.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għas-siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-2631-2	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/363900	QJ-AB-24-015-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-2598-8	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/861625	QJ-AB-24-015-MT-N

Avvenimenti estremi tal-klima b'hal mewġiet ta' s'hana, nixfa u għargħar qed jiżdiedu. Hemm hteġa urġenti ta' adattament għal dawn il-kundizzjonijiet klimatiċi. Ivvolutajna l-qafas ta' adattament għall-klima tal-UE u kif għażla ta' proġetti ta' adattament tal-UE indirizzaw l-impatti tat-tibdil fil-klima. Sibna li l-qafas kumplessiv tal-UE għall-politika ta' adattament kien sod iżda kien hemm dgħufijiet u lakuni fl-implimentazzjoni tiegħu. Filwaqt li l-biċċa l-kbira mill-proġetti li awditjajna indirizzaw ir-riskji klimatiċi b'mod effettiv, uħud kellhom ftit jew l-ebda impatt fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' adattament, u xi ftit jaf jirriżultaw f'adattament żgħir. Aħna nagħmlu rakkomandazzjonijiet biex jitjiebu r-rappurtar u l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar l-adattament għall-klima u biex jiġi żgurat li l-proġetti kollha rilevanti ffinanzjati mill-UE jkunu adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi attwali u futuri.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors